# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI



# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI

**Nru. 113** **Jannar/Frar 2002**

## WERREJ

DOKUMENTI MILL-VATIKAN
Homily of John Paul II:
For the Beatification of the Servants of God, Luigi Beltrame Quattrocchi and Maria Corsini, Married Couple 1
Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II għar-Randan 2002 5
Official Vatican Response to Cloning of First Human Embryo 9
Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II:
Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet 2002 11
Il-Beati Ġodda Maltin imdaħħlin fil-Kalendarju Liturġiku 17
Conferentiae Episcoporum Melitensis 18

Pastorali tar-Randan 2002 19

ĊIRKOLARIJIET TAL-KURJA
Ġabra għall-Iskejjel tal-Knisja/Festa ta' Kristu Re (Ċirkulari nru 421) 23
Talb għall-Assemblea tas-Sinodu Djoċesan (Ċirkulari nru 422) 25
Jum ta' Sawm u Talb għall-Paċi (Ċirkulari nru 423) 26
Jum il-Karità (Ċirkulari nru 424) 28
Velja ta' Talb għall-Paċi (Ċirkulari nru 425) 29

DOKUMENTI OĦRA TAL-KURJA
Assemblea tal-Parroċċi dwar il-Parroċċa u l-Familja 30
Nominat Kap Reviżur fil-Kurja ta' l-Arċisqof 31

Festa ta' Kristu Re 2001 32
Avviż dwar ġbir ta' flus f'isem il-Parroċċa tal-Floriana 34
Seminar dwar il-ħidma pastorali fost il-ħaddiema
fil-pajjiżi Ewropej 35
Festa ta' Kristu Sultan 2001: Messaġġ ta' Mons Arċisqof 36
Laqgħa ta' l-Arċisqof mal-unions tal-ħaddiema
u l-għaqdiet ta' min iħaddem 41
Tkompli l-Assemblea tas-Sinodu Djoċesan 42
Messaġġ tas-Santa Sede lill-Musulmani
għal tmiem ir-Ramadan 43
Jiggradwaw fl-istudji dwar kawżi ta' żwieġ kattoliku 44
Messaġġ minn persuni b'diżabbiltà lil ħuthom
tal-komunitajiet Insara 45
Kappillani ġodda fil-Floriana, il-Gżira u l-Ibraġ 47
Sehem kbir tal-lajċi fis-Sinodu tal-Knisja f'Malta 48
Jum ta' sawm u talb għall-paċi 49
Awguri ta' l-istaġun tal-festi lill-Isqfijiet 50
Messaġġ tal-Milied 2001 minn Mons Arċisqof
lill-Missjunarji Maltin 51
Diski ġodda b'għanjiet ta' żmien il-Milied 53
Preżentazzjoni tan-Nunzju l-ġdid 54
Messaġġ ta' Mons Arċisqof lill-Emigranti
fl-okkażjoni tal-Milied 2001 55
Arċiprieti ġodda fis-Siġġiewi u fl-Isla 58
Messaġġ ta' Mons Arċisqof għall-Milied 2001 59
Mons Arċisqof jitlob għall-paċi fl-Art Imqaddsa 63
Messaġġ ta' Mons Arċisqof għal Jum il-Paċi 2002 64
Applikazzjonijiet għal dħul fl-iskejjel tal-Knisja 68
Kappillan jiddiskutu l-Knisja u s-soċjetà Maltija 69
Ittra ta' Mons Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta
lill-Familji Maltin 70
Jum il-Karità 2002 75
Talb għall-Għaqda ta' l-Insara 76
Velja ta' Talb għall-Paċi 77
Żwiġijiet fil-Knisja f'Malta fis-sena 2001 78

Saċerdoti u Reliġjużi li mietu fis-sena 2001 79

ISBN: 99932 – 616 – 7 – X

Produzzjoni: Media Centre Publications
Issettjat u stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# HOMILY
# of John Paul II for the Beatification of the Servants of God Luigi Beltrame Quattrocchi and Maria Corsini, married couple

1. "And when the Son of man comes, will he find faith on earth?" (Lk 18,8). The question with which Jesus ends the parabable on the need "always to pray and not lose heart" frightens our soul. It is a question that is not immediately followed by an answer: indeed, it is intended as a challenge to each person, each ecclesial community, each human generation. Each one of us must give an answer. Christ wants to remind us that human life is directed to the final meeting with God; but in this perspective he asks himself whether, on his return, he will find souls ready, waiting for him, to enter the Father's house with him. This is why he says to everyone "Watch, therefore, for you know neither the day nor the hour" (Mt 25,13). Dear brothers and sisters! Dear famlies! Today we have gathered for the beatification of a married couple: Luigi and Maria Beltrame Quattrocchi. With this solemn ecclesial act, we intend to highlight an example of a positive reply to Christ's question. The husband and wife lived in Rome in the first half of the 20th century, a century in which faith in Christ was harshly tried, and gave a positive reply. Even in those difficult years, the husband and wife, Luigi and Maria, kept the lamp of the faith burning - lumen Christi - and passed it on to their four children, three of whom are here today in this basilica. Dear friends, this is what your mother wrote about you: "We brought them up in the faith, so that they might know and love God" (L'Ordito e la trama, p. 9).

But your parents also handed on the burning lamp to their friends, acquaintances, colleagues.... And now, from heaven, they are giving it to the whole Church.

Together with the relatives and friends of the new Blesseds, I greet the religious authorities participating in this celebration, starting with Cardinal Camillo Ruini and the other Cardinals, Archbishops and Bishops present. I also greet the civil authorities, and, in a special way, the President of Italy and the Queen of Belgium.

2. There could be no happier nor more momentous an occasion than today to celebrate the 20th anniversary of the Apostolic Exhortation "Familiaris consortio". This document, which even today remains a guiding light in the field, while highlighting the centrality of marriage and the mission of the family, particularly asks spouses to follow the path of holiness by virtue of the sacramental grace, which "is not exhausted in the actual celebration of the sacrament of marriage, but rather accompanies the married couple throughout their lives" (Familiaris consortio, n. 56). The beauty of this path shines out in the witness of the Blessed couple Luigi and Maria, an exemplary expression of the Italian people, who demonstrated the great importance of marriage and the family that it brings forth.

This couple lived married love and service to life in the light of the Gospel and with great human intensity. With full responsibility they assumed the task of collaborating with God in procreation, dedicating themselves generously to their children, to teach them, guide them and direct them to discovering his plan of love. From this fertile spiritual terrain sprang vocations to the priesthood and the consecrated life, which shows how, with their common roots in the spousal love of the Lord, marriage and virginity may be closely connected and reciprocally enlightening.

Drawing on the word of God and the witness of the saints, the blessed couple lived an ordinary life in an extraordinary way. Among the joys and anxieties of a normal family, they knew how to live an extraordinarily rich spiritual life. At the centre of their life was the daily Eucharist as well as devotion to the Virgin Mary, to whom they prayed every evening with the Rosary, and consultation with wise spiritual directors. In this way they could accompany their children in vocational discernment, training them to appreciate everything "from the roof up", as they often, charmingly, liked to say.

3. The riches of faith and love of the husband and wife Luigi and Maria Beltrame Quattrocchi, are a living proof of what the Second Vatican Council said about the call of all the faithful to holiness, indicating that spouses should pursue this goal, "propriam viam sequentes", "following their own way" (Lumen gentium, n. 41). Today the aspiration of the Council is fulfilled with the first beatification of a married couple: their fidelity to the Gospel and their heroic virtues were verified in their life as spouses and parents.

In their life, as in the lives of many other married couples who day after day earnestly fulfil their mission as parents, one can contemplate the sacramental revelation of Christ's love for the Church. Indeed, "fulfilling their conjugal and family role by virtue of this sacrament, spouses are penetrated with the spirit of Christ and their whole life is permeated by faith, hope, and charity; thus they increasingly further their own perfection and their mutual sanctification, and together they render glory to God" (Gaudium et spes, n. 48).

Dear families, today we have distinctive confirmation that the path of holiness lived together as a couple is possible, beautiful, extraordinarily fruitful, and fundamental for the good of the family, the Church and society. This prompts us to pray the Lord that there be many more married couples who can reveal in the holiness of their lives, the "great mystery" of spousal love, which originates in creation and is fulfilled in the union of Christ with his Church (cf. Eph 5,22-33).

4. Like every path of holiness, yours too, dear married couples, is not easy. Every day you face difficulties and trials, in order to be faithful to your vocation, to foster harmony between yourselves and between your children, to carry out your mission as parents and participate in social life. May you be able to find in God's word the answer to the questions which arise in everyday life. St Paul, in the Second Reading, reminded us that "all Scripture is inspired by God and profitable for teaching, for reproof, for correction and for training in righteousness" (II Tm 3,16). Sustained by the force of these words and acting together, you will be able to insist with your children "in season and out of season", convincing, rebuking, and exhorting them, "unfailing in patience and in teaching" (II Tm 4,2). Married and family life can also experience moments of bewilderment.

We know how many families in these cases are tempted to discouragement. I am particularly referring to those who are going through the sad event of separation; I am thinking of those who must face illness and those who are suffering the premature death of their spouse or of a child. In these situations, one can bear a great witness to fidelity in love, which is purified by having to pass through the crucible of suffering.

5. I entrust struggling families to the providence of God and to the loving care of Mary, the outstanding model of wife and mother who knew the

suffering and the exhaustion of following Christ to the foot of the Cross. Dear married couples, do not be overcome by hardship: the grace of the Sacrament supports you and helps you constantly to raise your arms to heaven, like Moses, mentioned in the First Reading (cf. Ex 17,11-12). The Church is close to you and helps you with her prayer, above all, in hard times.

At the same time, I ask all families to hold up the arms of the Church, so that she may never fail in her mission of interceding, consoling, guiding and encouraging. I thank you, dear families, for the support that you give to me in my service to the Church and to humanity. Every day I beg the Lord to help all the families suffering from poverty and injustice, and to advance the civilization of love.

6. Dear friends, the Church has confidence in you to confront the challenges that await her in the new millennium. Among the paths of her mission, "the family is the first and the most important" (Letter to Families, n. 2); the Church is counting on it and calling it to be "a true subject of evangelization and the apostolate" (ibid., n. 16).

I am certain that you will be equal to the task that awaits you in every place and on every occasion. Dear husbands and wives, I encourage you to embrace your role and your responsibilities.

Renew your missionary zeal, making your homes privileged places for announcing and accepting the Gospel in an atmosphere of prayer and in the concrete exercise of Christian solidarity.

May the Holy Spirit, who filled Mary's heart so that, in the fullness of time, she might conceive the Word of life and welcome him, together with her husband Joseph, support you and confirm you. May he fill your hearts with joy and peace so that every day you may know how to praise the heavenly Father, from whom come every grace and blessing. Amen!

World Mission Sunday,
Sunday 21 October 2001

# MESSAĠĠ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II għar-Randan 2002

"B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu"
(*Mt* 10, 8)

Għeżież Ħuti Rġiel u Nisa,

1. Qegħdin inħejju biex nimxu fit-triq tar-Randan li twassalna għaċ-ċelebrazzjoni solenni tal-misteru ċentrali tal-fidi, il-misteru tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu. Qegħdin inħejju biex ngħixu ż-żmien f'waqtu li l-Knisja toffri lill-fidili biex jikkontemplaw il-ħidma tas-salvazzjoni mwettqa mill-Mulej fuq is-Salib. Il-pjan ta' fidwa tal-Missier seħħ fil-għotja ħielsa u sħiħa lilna permezz ta' Ibnu l-waħdieni:"Ħadd ma jeħodli ħajti, iżda jien nagħtiha minn rajja" (*Ġw* 10,18), Ġesù jiddikjara, bla ma jħalli l-ebda dubju, li hu jiddeċiedi li jissagrifika ħajtu għas-salvazzjoni tad-dinja. Biex jikkonferma din l-għotja hekk kbira ta' mħabba, ir-Redentur ikompli: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din; li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." ( *Ġw* 15, 13 ).

Ir-Randan, iż-żmien providenzjali għall-konverżjoni, jgħinna biex nikkontemplaw dan il-misteru stupend ta' l-imħabba. Huwa ritorn għall-għeruq tal-fidi tagħna sabiex waqt li naħsbu fuq id-don bla qies tal-grazzja li hija r-Redenzjoni, aħna ma nistgħux nonqsu li nirrealizzaw li kollox kien ingħatalna bl-inizjattiva kollha mħabba ta' Alla. Sabiex nimmeditaw fuq dan l-aspett tal-misteru tas-salvazzjoni, jiena għażilt bħala tema għall-Messaġġ tar-Randan ta' din is-sena l-kliem tal-Mulej: "B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu" ( *Mt* 10, 8).

2. Alla tana minn jeddu lil Ibnu: min kien jistħoqqlu jew seta' qatt jistħoqqlu privileġġ bħal dan? San Pawl jgħid: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh" (*Rum* 3, 23-24). Fil-ħniena tiegħu bla qies Alla ħabbna, ma ppermettiex lilu nnifsu li jinfired minna bl-istat ikrah ta' firda li waqa' fiha l-bniedem bid-dnub. Huwa tbaxxa fil-ħniena

tiegħu lejn id-dgħufija tagħna u għamilha l-bidu ta' fawwara ġdida u aktar tal-għaġeb ta' mħabbtu. Il-Knisja qatt ma tieqaf ixxandar dan il-misteru ta' tjubija infinita, waqt li tfaħħar l-għażla ħielsa ta' Alla u x-xewqa tiegħu li ma jikkundannax il-bniedem, iżda li jiġbdu lura lejh f'għaqda miegħu nnifsu .

"*B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu.* Jalla dawn il-kelmiet ta' l-Evanġelju jidwu fil-qalb tal-komunitajiet insara kollha matul il-pellegrinaġġ penitenzjali tagħhom lejn l-Għid. Jalla r-Randan waqt li jfakkar il-misteru tal-Mewt u tal-Qawmien tal-Mulej, iwassal lill-Insara kollha biex jistagħġbu fil-qalb ta' qalbhom bil-kobor ta' dan id-don. Iva! Aħna ħadna b'xejn. Il-ħajja tagħna kollha mhix immarkata bil-ħniena ta' Alla? Il-bidu tal-ħajja u l-iżvilupp tal-għaġeb tagħha: dan hu don. U billi huwa don, il-ħajja qatt ma tista' titqies bħala pussess jew proprjetà privata, ukoll jekk il-kapaċitajiet li għandna l-lum biex intejbu l-kwalità tal-ħajja, iwassluna biex naħsbu li l-bniedem huwa s-"sid" tal-ħajja. Is-suċċessi fil-mediċina u fil-bijoteknoloġija jistgħu xi drabi jwasslu l-bniedem li jaħseb fih innifsu bħala l-ħallieq tiegħu stess, u li jaqa' għat-tentazzjoni li jimmanipula "s-siġra tal-ħajja" (*Ġen* 3, 24).

Huwa sewwa wkoll hawnhekk li ntennu li mhux dak kollu hu teknikament possibbli, huwa wkoll leċitu moralment. Jekk hu ta' min jammirah l-isforz tax-xjenza biex jassigura kwalità ta' ħajja li tixraq aktar lid-dinjità tal-bniedem, iżda wieħed ma għandu qatt jinsa li l-ħajja tal-bniedem hija don u li tibqa' prezzjuża wkoll meta hija mmarkata bit-tbatija u bil-limitazzjonijiet. Huwa don li għandna naċċettaw u nħobbu f'kull żmien, li ħadnieh b'xejn u li għandna nagħtuh bla ħlas għas-servizz ta' l-oħrajn.

3. Waqt li nqiegħdu quddiemna l-eżempju ta' Kristu li offra lilu nnifsu għalina fuq il-Kalvarju, ir-Randan jgħinna b'mod uniku biex nifhmu li l-ħajja hija mifdija fih. Permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, Ġesù ġedded ħajjitna u seħibna fil-ħajja divina li ddaħħalna fil-ħajja intima ta' Alla u tgħinna nġarrbu l-imħabba tiegħu għalina. Dan hu don sublimi, li n-nisrani ma jistax jonqos li jxandar bil-ferħ. Fl-Evanġelju tiegħu, San Ġwann jikteb: *"Din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru, lil Ġesù Kristu li inti bgħatt"* ( *Ġw* 17,3). Din il-ħajja ngħatat lilna fil-Magħmudija, u aħna għandna ngħajxuha bla ma nieqfu billi nwieġbu għaliha bil-fedeltà,

kemm individwalment u kemm bħala komunità, bit-talb, biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti u bix-xiehda ta' l-Evanġelju.

Billi aħna ħadna din il-ħajja b'xejn, min-naħa tagħna għandna noffruha b'xejn lil ħutna rġiel u nisa. Dan hu li Ġesù talab mid-dixxipli tiegħu meta bagħathom bħala xhieda tiegħu fid-dinja. "*B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu*". U l-ewwel don li għandu jingħata huwa d-don ta' ħajja qaddisa, li tagħti xiehda lill-imħabba li jagħtina Alla bla ħlas. Jalla l-mixja tar-Randan tkun għal dawk kollha li jemmnu, sejħa biex jidħlu aktar fil-fond f'din il-vokazzjoni speċjali tagħna. Bħala nies ta' fidi għandna nkunu miftuħa għal ħajja mmarkata bl-"għoti b'xejn", billi nagħtu lilna nfusna bla riservi lil Alla u lill-proxxmu.

4. "*X'għandek li ma ngħatalikx?*" jistaqsi San Pawl (1 Kor 4, 7) It-tweġiba għal dan l-għarfien hija li nħobbu lil ħutna rġiel u nisa u li niddedikaw ruħna għalihom. Aktar ma jkunu fil-bżonn, aktar urġenti huwa d-dover tan-nisrani li jgħinhom. Ma jippermettix Alla l-bżonn tal-bnedmin sabiex waqt li nwiegħbu għal dak li jenħtieġu l-oħrajn, aħna nitgħallmu neħilsu mill-egoiżmu tagħna u nipprattikaw l-imħabba awtentika ta' l-Evanġelju? Il-kmand ta' Ġesù huwa ċar: "Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? M'hux il-pubblikani wkoll jagħmlu dan?" (Mt 5, 46) Id-dinja tfaħħar relazzjonijiet umani mibnija fuq interess u qligħ personali, u dan ikabbar il-viżjoni egoċentrika tal-ħajja, li fiha ħafna drabi m'hemmx post għall-foqra u d-dgħajfa. Kull persuna, ukoll l-inqas mogħnija b'xi talent, għandha tkun milqugħa u maħbuba bħala persuna, mingħajr ma nqisu l-kwalitajiet u d-difetti tagħha. Tassew, akbar ma tkun it-tbatija tagħha, aktar għandha tkun l-oġġett ta' l-imħabba tagħna fil-prattika. Din hi l-imħabba li għaliha l-Knisja permezz ta' l-istituzzjonijiet bla għadd tagħha, tagħti xiehda billi taċċetta r-responsabbiltà lejn il-morda, lejn l-emarġinati, lejn il-foqra u l-isfruttati. B'dan il-mod l-Insara jsiru appostli u bennejja taċ-ċiviltà ta' l-imħabba. Huwa sinjifikanti ħafna li Ġesù qal dawn il-kelmiet: "*B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu*" meta bagħat lill-Appostli jxandru l-Evanġelju tas-salvazzjoni, li hu l-ewwel u l-aqwa don lill-umanità. Kristu jrid li s-Saltna tiegħu, li diġà hija fil-qrib (ara *Mt* 10, 5), tixtered b'għemejjel b'xejn ta' mħabba, imwettqa mid-dixxipli tiegħu. Dan hu li għamlu l-Appostli fl-ewwel żmien tal-Kristjaneżmu, u dawk li ltaqgħu magħhom rawhom bħala

xandara ta' messaġġ ikbar minnhom. Fi żminijietna wkoll il-ġid li jagħmlu l-insara jsir sinjal, u ta' spiss stedina biex wieħed jemmen. Meta, bħas-Samaritan it-Tajjeb, l-Insara jwieġbu għall-bżonnijiet tal-proxxmu, l-għajnuna tagħhom mhijiex materjali biss. Hija dejjem xandira wkoll tas-Saltna u tagħti tifsira sħiħa tal-ħajja, tama u mħabba.

5. Għeżiez Ħuti Rġiel u Nisa! Jalla nħejju hekk biex ngħixu dan ir-Randan, b'ġenerożità prattika lejn l-ifqar fost ħutna rġiel u nisa! Billi nifthu qalbna għalihom, aħna nirrealizzaw aktar fil-fond li dak li nagħtu lill-oħrajn hija t-tweġiba tagħna għal ħafna doni li l-Mulej ikompli jagħtina. Aħna ħadna b'xejn, ejjew nagħtu b'xejn! Liema żmien huwa aħjar mir-Randan biex noffru din ix-xiehda ta' ġenerożità li d-dinja teħtieġ ħafna? Fl-istess imħabba li Alla għandu għalina, hemm ukoll is-sejħa li min-naħa tagħna nagħtu lilna nfusna bil-qalb lill-oħrajn. Jiena nirringrazzja lil dawk kollha madwar id-dinja - lajċi, reliġjużi, u saċerdoti - li joffru din ix-xiehda ta' karità. Jalla dan iseħħ ukoll fl-Insara kollha, ikunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi li fihom jgħixu.

Jalla l-Verġni Marija, Omm l-Imħabba sabiħa u t-Tama tkun il-gwida tagħna u s-saħħa f'din il-mixja tar-Randan. Waqt li nassigurakom ilkoll li niftakar fikom bi mħabba fit-talb tiegħi, jiena bil-qalb nagħti l-Barka Appostolika tiegħi lil kull wieħed u waħda minnkom, speċjalment lil dawk li ta' kuljum jaħdmu fil-ħafna opri ta' karità.

Mill-Vatikan, 4 ta' Ottubru 2001, Festa ta' San Franġisk ta' Assisi.
Ġwanni Pawlu II

(It-traduzzjoni saret mill-Kanonku Karm Zammit)

# OFFICIAL VATICAN RESPONSE to Cloning of First Human Embryo "Firm Judgment Is Necessary: Unequivocal Condemnation"

**A statement, distributed by the Vatican Press Office, explains that a public condemnation of the first case of human cloning is necessary in defence of the very dignity of the embryo's humanity.**

**Following is the complete text of the Vatican statement.**

---

The original article, which appeared in "The Journal of Regenerative Medicine," which researchers of Advanced Cell Technology published on November 26, 2001, shows in all its dramatic character the gravity of the event that has occurred: the "in vitro" production of a human embryo, what is more, of several embryos that were developed respectively until attaining the stage of two, four, and six cells. The event is documented with clear coloured pictures taken through a microscope with a scanner, showing the first phases of these human lives, which were not initiated through the fertilization of one ovum with one spermatozoid, but by activating ova with nucleuses of somatic cells.

The authors emphasized that their intention is not to give origin to an individual human but to that which, in their article, is referred to as an "early embryo." What, then, is an embryo in the initial stage? This is where the bioethical question returns in all its current importance, never quiescent because of truth, regarding when to consider the beginning of human life. In fact, beyond the scientific event, this remains the object of the debate, it being without a doubt — by indication of the researchers themselves — that we are faced here with human embryos, not cells, as some would like to think.

Therefore, the event leads one to confirm forcefully that the beginning of human life cannot be fixed by convention to a certain stage of development of the embryo; in fact, it is fixed already at the first instance of existence of the embryo itself. This is more easily understood in the

"human" way of fertilization between ovum and spermatozoid, but we must also learn to recognize it before an "inhuman" way, as is that of the reprogramming of a somatic nucleus in an ovum cell: with this way one can also give origin to a new life — as, unfortunately, the announced experiment has demonstrated — a life that in any case conserves its dignity as does that of every human life to which existence is given.

Therefore, despite the stated "humanistic" intentions of those who announce surprising cures by following on this road, which passes through the cloning industry, an objective but firm judgment is necessary, which shows the moral gravity of this project and justifies its unequivocal condemnation. The principle that is introduced, in the name of health and well-being, in fact sanctions a real and proper discrimination among human beings, in virtue of the time of their development (thus an embryo is worth less than a fetus, and a fetus less than a baby, and a baby less than an adult), reversing the moral imperative which instead imposes the maximum tutelage and respect proper to those who are not in a condition to defend and manifest their intrinsic dignity.

Moreover, research on stem cells indicates that other ways can be followed, which are morally licit and valid from the scientific point of view, such as the use of stem cells taken, for example, from an adult individual (there are several in each one of us), from maternal blood, or from naturally aborted fetuses. This is the way that every honest scientist must follow in order to observe maximum respect for man, namely, for himself.

Vatican City,
Nov. 26, 2001

# JUM TA TALB GHALL VOKAZZJONIJIET

"Hemm il-ħtieġa ta' xandâra kuraġġużi tal-Vanġelu"

**"Is-sejħa għall-qdusija"**

Għeżież ħuti fl-Episkopat
Għeżież ħuti,

1. "Lill-maħbubin kollha ta' Alla msejħin biex ikunu qaddisin: grazzja lilkom u sliem mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu" (Rum 1, 7). Dan il-kliem ta' l-Appostlu Pawlu lill-Insara ta' Ruma jdaħħalna fis-suġġett tal-Jum Dinji li jmiss ta' Talb għall-Vokazzjonijiet: "Is-Sejħa għall-qdusija". Il-qdusija. Din hija l-grazzja u l-għan ta' kull min jemmen, kif ifakkarna l-ktieb tal-Levitiku: "Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom" (19, 2).

Fl-Ittra Appostolika tiegħi *Novo Millennio Ineunte,* jiena stedint lil kulħadd biex "iqiegħed il-pjanifikazzjoni pastorali taħt ir-ras tal-qdusija", biex infisser "il-konvinzjoni tiegħi li, ġaladarba l-Magħmudija hi daħla vera fil-qdusija ta' Alla bi twaħħid ma' Kristu u l-Ispirtu tiegħu li jgħammar fina, tkun kontradizzjoni li wieħed jikkuntenta b'ħajja ta' medjokrità, immarkata minn etika minimalista u reliġjożità baxxa ħafna. Wasal iż-zmien li wieħed jipproponi lil kulħadd mill-ġdid b'ħeġġa sħiħa dan il-livell għoli ta' ħajja Nisranija ordinarja: il-ħajja sħiħa tal-komunità Kristjana u tal-familji Kristjani jeħtieġ tmexxina f'din id-direzzjoni." (n. 31).

Il-ħidma ewlenija tal-Knisja hija dik li tmexxi lill-Insara fit-triq tal-qdusija, biex, imdawlin mill-għarfien tal-fidi, ikunu jistgħu jagħrfu u jikkontemplaw il-wiċċ ta' Kristu u fih isibu mill-ġdid l-identità awtentika tagħhom infushom u l-missjoni li l-Mulej jafda lil kull wieħed u waħda minnhom. Hekk huma "jinbnew fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu Ġesù nnifsu huwa l-ġebla tax-xewka. Fih il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej" (Ef. 2, 20-21).

Il-Knisja tiġbor fiha l-vokazzjonijiet kollha li l-Mulej iqajjem fost uliedha u tinbidel f'rifless imdawwal tal-misterju tat-Trinità Mqaddsa. Bħala poplu miġbur flimkien f'għaqda mal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, il-Knisja ġġorr fiha nfisha l-misterju tal-Missier li jsejjaħ lil kulħadd biex ifaħħar ismu u jagħmel ir-rieda tiegħu; hija tħaddan il-misterju ta' l-Iben, li l-Missier jibgħat biex iħabbar is-Saltna ta' Alla u tistieden lil kulħadd biex jimxi warajh. Hija ġġorr il-misterju ta' l-Ispirtu s-Santu li jikkonsagra għall-missjoni lil dawk li l-Missier jagħżel permezz ta' Ibnu, Ġesù Kristu.

Ġaladarba l-Komunità Nisranija hija l-post fejn jesprimu ruħhom id-diversi vokazzjonijiet li l-Mulej iqajjem, fil-kuntest tal-Jum Dinji ta' Talb li se jsir fil-21 ta' April 2002, ir-Raba' Ħadd ta' l-Għid, se jsir fl-Amerika ta' Fuq it-Tielet Kungress Kontinentali għall-vokazzjonijiet għas-saċerdozju ministerjali u għall-ħajja konsagrata. Jien nibgħat bil-ferħ l-awguri tiegħi lill-promoturi u l-parteċipanti ta' dan il-kungress u rrid infisser ix-xewqat mill-qalb tiegħi għal inizjattiva li sejra tittratta waħda mill-problemi ċentrali tal-Knisja fl-Amerika u ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida ta' dan il-kontinent. Nistieden lil kulħadd biex jitlob li din il-laqgħa hekk importanti twassal għal impenn imġedded għas-servizz tal-vokazzjonijiet u għal entużjażmu aktar ġeneruż fost l-Insara tad-"Dinja l-Ġdida".

2. Il-Knisja hija "d-dar tal-qdusija" u l-imħabba ta' Kristu, imsawba mill-Ispirtu s-Santu, qegħda f'ruħha. Fiha, l-Insara jgħinu lil xulxin biex isibu u jattwaw is-sejħa tagħhom billi jisimgħu l-Kelma ta' Alla fit-talb, billi jieħdu sehem b'assidwità fis-Sagramenti u ma jeqfux ifittxu l-wiċċ ta' Kristu f'kull wieħed u waħda minn ħuthom. Hekk kull persuna, skond it-talenti tagħha, timxi 'l quddiem fit-triq tal-fidi, waqt li żżomm ħajja t-tama u taħdem fl-imħabba (ara Lumen Gentium, 41), waqt li l-Knisja "turi u ġġarrab mill-ġdid l-għana bla qies tal-Misterju ta' Ġesù Kristu" (Christifidelis laici, 55) u tiżgura li l-qdusija ta' Alla tidher f'kull stat u sitwazzjoni tal-ħajja, hekk li l-Insara kollha jkunu jistgħu jsiru ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej u jibnu l-Ġisem ta' Kristu.

Kull vokazzjoni fil-Knisja qegħda għall-qadi tal-qdusija. Iżda xi

vokazzjonijiet, bħalma huma l-vokazzjoni għas-saċerdozju ministerjali u l-ħajja konsagrata qegħdin b'mod speċjali u kollu kemm hu uniku, għall-qadi tal-qdusija. Illum nistieden lil kulħadd jagħti attenzjoni speċjali lil dawn il-vokazzjonijiet billi jsaħħaħ it-talb tiegħu għalihom.

Il-vokazzjoni għas-saċerdozju ministerjali "fil-qalba tagħha hija sejħa għall-qdusija fis-sura li għandha l-bidu tagħha fis-Sagrment ta' l-Ordni Sagri. Il-qdusija hija intimità ma' Alla, hija l-imitazzjoni ta' Kristu, li kien fqir, safi u umli; hija l-imħabba bla riżervi għall-erwieħ u hija l-għotja tagħna nfusna għalihom u għall-ġid veru tagħhom; hija l-imħabba għall-Knisja li hi qaddisa u trid tkun qaddisa, għax din hija l-missjoni fdata lilha minn Kristu" (Pastores dabo vobis, 33). Ġesù jsejjaħ lill-Appostli tiegħu biex "jibqgħu miegħu" (Mk 3, 14) f'intimità privileġġjata (ara Lq 89, 1-2; 22, 28). Mhux biss jaqsam magħhom il-misterji tas-Saltna tas-Sema (ara Mt 13, 16-18) iżda jistenna minnhom fedeltà mill-aktar kbira li taqbel mal-ministerju Appostoliku li għalih isejħilhom. Jistenna minnhom faqar aktar rigoruż (ara Mt 19, 22-23), l-umiltà ta' qaddej li jsir l-aħħar wieħed wara kulħadd (ara Mt 20, 25-27). Jitlob minnhom fiduċja fis-setgħat li rċevew, talb u sawm bħala għodda effettiva ta' l-Appostolat u ġenerożità." "B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu" (Mt 10, 8).

Mingħandhom jistenna l-prudenza flimkien mas-sempliċità u r-rettitudni morali (ara Mt 10, 26-28) u li jintelqu f'idejn il-Providenza ta' Alla (ara Lq 9, 1-3; 19, 23). Jeħtieġ li huma jagħrfu wkoll ir-responsabbiltajiet li huma laqgħu, għax huma l-amministraturi tas-Sagramenti mwaqqfin mill-Mulej u ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli tiegħu (ara Lq 12, 43-48).

Il-ħajja konsagrata turi n-natura intima ta' kull sejħa Nisranija għall-qdusija u l-isforzi tal-Knisja-Għarusa kollha biex tiltaqa' ma' Kristu, "l-għarus waħdani tagħha". "Il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi hija marbuta mill-qrib mal-misterju ta' Kristu u għandha d-dmir li b'xi mod tagħmel preżenti l-mod ta' ħajja li Ġesù nnifsu għażel u wera bħala valur eskatoloġiku asssolut" (Via consecrata, 29). Il-vokazzjonijiet għal dawn l-istati ta' ħajja huma rigali prezzjużi u meħtieġa, li juru li wkoll illum il-mixja wara Ġesù, safi, fqir u ubbidjenti bħala xiehda għall-primat assolut ta' Alla u s-servizz lejn l-umanità fuq l-eżempju tal-Feddej huma mixjiet privileġġjati lejn il-milja tal-ħajja spiritwali.

In-numru żgħir ta' kandidati għas-saċerdozju u l-ħajja konsagrata li nisimgħu dwarhom f'xi sitwazzjonijiet, ma għandhomx iwassluna biex nikkuntentaw ruħna b''formazzjoni' u spiritwalità medjokri. Għall-maqlub, dan għandu jħeġġiġna biex nagħtu aktar attenzjoni għall-għażla u l-formazzjoni ta' dawk li meta jiġu stabbiliti ministri u xhieda ta' Kristu jirċievu s-sejħa biex bil-qdusija ta' ħajjithom iwettqu dawk li huma jxandru u jiċċelebraw.

3. Hemm bżonn li nużaw il-mezzi kollha biex niżguraw li l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u l-ħajja konsagrata, li huma essenzjali għall-ħajja u l-qdusija tal-Poplu ta' Alla, ikunu dejjem fil-qalb ta' l-ispiritwalità, tal-ħidma pastorali u tat-talb tal-fidili.

Jalla l-Isqfijiet u l-qassisin ikunu huma qabel kulħadd ix-xhieda għall-ministerju li huma jirċievu bħala rigal. Bil-ħajja u t-tagħlim tagħhom jalla juru l-ferħ tal-mixja tagħhom wara Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb u l-qawwa li ġġedded tal-misterju ta' l-Għid tiegħu tal-Fidwa. Jalla bl-eżempju tagħhom juru l-aktar liż-żgħażagħ, l-avventura sabiħa li hi merfugħa għal dawk li fuq il-passi ta' l-Imgħallem Divin, jagħżlu li jkunu kollha kemm huma ta' Alla waħdu u joffru lilhom infushom biex kull persuna jkollha l-ħajja u l-ħajja bil-kotra (ara Ġw 10, 10).

Jalla r-reliġjużi konsagrati, irġiel u nisa, li jgħixu "fil-qalb tal-Knisja bħala element deċiżiv għall-missjoni tagħha" (Via consecrata) juru li l-ħajja tagħhom reliġjuża għandha għeruq sodi fi Kristu, li l-ħajja reliġjuża hija "dar u skola ta' komunjoni" (Novo millennio ineunte, 43), li fil-qadi tagħhom umli u fidil lill-umanità hemm tħabbat dik "il-kreattività ta' l-imħabba" li l-Ispirtu s-Santu jżomm dejjem ħajja fil-Knisja. Ma għandniex ninsew li l-qawwa ta' kull vokazzjoni tinstab fl-imħabba għall-kontemplazzjoni, fil-ferħ tal-qadi ta' l-oħrajn, fil-kastità li r-reliġjużi jgħixu għas-Saltna tas-Smewwiet u fl-impenn ġeneruż fil-ministerju tagħhom!

Il-familji huma msejħin biex jagħtu sehem importanti ħafna għall-ġejjieni tal-vokazzjonijiet fil-Knisja. Il-qdusija ta' l-imħabba bejn il-koppja miżżewġa; l-armonija tal-ħajja tal-familja; l-ispirtu ta' fidi li bih jiġu affrontati l-problemi tal-ħajja ta' kuljum; is-sens ta' aċċettazzjoni ta' l-

oħrajn, l-aktar ta' dawk l-aktar fqar u s-sehem fil-ħajja tal-komunità Nisranija jsawru l-ambjent adatt għat-tfal fil-familja biex jisimgħu s-sejħa ta' Alla u jwieġbu għaliha b'mod ġeneruż.

4. "Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Mt 9, 38; Lq 10, 2). B'ubbidjenza għall-kmand ta' Kristu, kull Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet jidher bħala mument ta' talb intens, li jiġbor lill-komunità Nisranija sħiħa f'talb bla waqfien u mħeġġeġ lil Alla għall-vokazzjonijiet. Huwa importanti ħafna li l-komunitajiet Insara jsiru skejjel veri ta' talb (ara Novo millennio ineunte, 33) li jkunu jafu jedukaw għal djalogu ma' Alla u jiffurmaw lill-fidili biex jinfetħu għall-imħabba li biha Alla l-Missier "hekk ħabb lid-dinja, li ta lil Ibnu l-Waħdieni". Meta niżviluppaw ħajja ta' talb ikollna għajnuna biex nitmexxew mill-Ispirtu ta' Kristu biex ngħinu fil-bini tal-Knisja fl-imħabba. F'dan is-sens, id-dixxiplu tikber fih ix-xewqa mħeġġa li l-bnedmin kollha jiltaqgħu ma' Kristu u hekk jakkwistaw il-veru ħelsien ta' wlied Alla. Din il-ħeġġa għandha twassal lil min jemmen, biex fuq l-eżempju ta' Marija, ikun lest li jlissen l-"iva" sħiħa u ġeneruża lill-Mulej, li jsejjaħlu jew isejħilha biex ikun ministru tal-Kelma, is-Sagramenti u l-Imħabba, jew biex isir sinjal tal-ħajja kasta, fqira u ubbidjenti ta' Kristu fost il-popli ta' żmienna.

Jalla Sid il-ħsad jipprovdi ħafna vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi għall-Knisja tiegħu.

Missier Qaddis, itfa' ħarstek fuq l-umanità tagħna,
li qiegħda tagħti l-ewwel passi fil-mixja tat-Tielet Millennju.
Il-ħajja tagħha għadha mmarkata bis-sħiħ
bil-mibegħda, il-vjolenza u l-oppressjoni,
imma l-għatx għall-ġustizzja, il-verità u l-grazzja
għadu jsib il-wisa' fil-qlub ta' ħafna bnedmin,
li qegħdin jistennew lil xi ħadd li jwasslilhom is-Salvazzjoni,
li inti ġibtilna b'Ibnek Ġesù.
Huma meħtieġa xandâra kuraġġużi tal-Vanġelu, huma meħtieġa qaddejja ġenerużi għall-umanità li qed tbati.
Ibgħat nitolbuk, saċerdoti għall-Knisja tiegħek,
li jqaddsu lill-poplu tiegħek

bil-għodod tal-grazzja tiegħek.
Ibgħat, nitolbuk, ħafna rġiel u nisa konsagrati,
biex juru l-qdusija tiegħu fil-qalba tad-dinja.
Ibgħat, nitolbuk, ħaddiema qaddisa fil-għalqa tad-dwieli tiegħek,
biex jaħdmu bil-ħeġġa ta' l-imħabba
u mqanqlin mill-Ispirtu Qaddis,
iwasslu s-salvazzjoni ta' Kristu
sat-truf l-aktar imbegħda tad-dinja. Amen

Ġwanni Pawlu II

Castel Gandolfo
8 ta' Settembru 2001

# IL-BEATI ĠODDA MALTIN IMDAĦĦLIN FIL-KALENDARJU LITURĠIKU

Prot N 2138/01/L

Roma, 15 novembre 2001

Eccellenza Reveredissima,
questa Congregazione per il Culto Divino e la Disciplina dei Sacramenti si pregia rispondere alla lettera del 8 ottobre u.s., con la quale Vostra Eccellenza chiedeva l'inserimento nel Calendario dei nuovi Beati maltesi beatificati dal Santo Padre il 9 maggio u.s.
Il Dicastero, si pregia accludere in allegato alla presente il relativo decreto, facendo presente che in ottemperanza alla normattiva vigente il grado stabbilito per la celebrazione dei summenzionati Beati è quello di *memoria ad libitum* per l'intera Diocesi e di memoria per quelle chiese nelle quali è presente il Corpo del Beato. Quando si procede alla canonizzazione i vescovi potranno se lo desiderano, riaprire il discorso di un'elevazione al rango di memoria obbligatoria. Si dovrebbe notare, poi, che secondo la normativa spetta ai Superiori Generali dei rispettivi Ordini religiosi chiedere l'inserimento nel proprio Calendario della celebrazione del Beato con il relativo grado.
Ringraziando per la cortese attenzione, colgo ben volontieri la circostanza per significarle la mia stima e per confermarmi con sensi di distinto ossequio

dell'Eccellenza Vostra Reverendissima
devotissimo nel Signore

(Francesco Pio Tamburrino)
Arcivescovo Segretario

(con allegato)

A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons Joseph Mercieca
Arcivescovo di
MALTA

# CONFERENTIAE EPISCOPORUM MELITENSIS

Instante Excellentissimo Domino Iosepho Mercieca, Archepiscopo Melitensi, Praeside Conferentiae Episcoporum Melitensis, litteris die 8 mensis octobris 2001 datis, vigore facultatum huic Congregationi a Summo Pontifice IOANNE PAULO II tributarum, perlibenter concedimus ut celebrationes Beati Georgii Preca, presbyteri, Beatae Mariae Adeodatae Pisani, virginis, et Beati Ignatii Falzon, presbyteri, in Calendarium proprium eiusdem dioecesium Melitensium inseri valeant, diebus 25 mensis februarii, 9 mensis maii et 1 mensis iulii **gradu memoriae ad libitum** quotannis peragendae.
Contrariis quibuslibet minime obstantibus.
Ex aedibus Congregationis de Cultu Divino et Disciplina Sacramentorum, die 12 mensis novembris 2001.

(Georgius A Card Medina Estévez)

( Franciscus Pius Tamburrino)
Archiepiscopus a Secretis

**Pastorali tar-Randan 2002**

# IL-WIRT MALTI TAL-VALURI NSARA

---

Maħbubin uliedna,

Qegħdin fil-bidu ta' Randan ieħor. Dan hu żmien speċjali li tagħtina l-Knisja biex nieqfu nirriflettu u nagħmlu l-għażliet tagħna. Alla żgur li jqanqalna, bil-grazzja tiegħu, biex nikkonvertu u nibnu ħajjitna fuq għażliet tajbin, jiġifieri fuq il-valuri li huma importanti ħafna għall-mod kif naħsbu u nġibu ruħna.

Jissejjaħ valur dak kollu li lejh tinġibed ir-rieda tal-bniedem. Bil-kelma 'valur' nifhmu realtà li l-bniedem, minn jeddu, jagħraf li għandha siwi fiha nfisha.

**Il-valur bażiku**

Il-valur bażiku hija l-persuna tal-bniedem. Għalhekk, il-persuna tal-bniedem hija ċ-ċentru tal-valuri umani kollha. L-ebda valur ma jista' jeżisti jekk ma jkunx fil-bniedem.

Fil-ħajja tal-bniedem jeżistu għażliet li huma valuri fihom infushom. Nistgħu nsemmu, bħala eżempju, is-sinċerità, il-verità, l-onestà, il-lealtà, il-ġenerożità u s-solidarjetà. Dawn jistgħu jissejħu valuri morali, għaliex jagħtuna linja ta' kif għandna ngħixu. Fil-fatt, valur morali huwa dak kollu li jwassal lejn dik il-perfezzjoni li tixraq lill-bniedem bħala bniedem.

Il-valuri mhumiex kollha l-istess. Hemm valuri li huma differenti minn xulxin, anki f'dak li huwa siwi. Il-ħajja, per eżempju, tiswa iktar mill-ikel; u l-ġisem jiswa iktar mill-ilbies. Huwa għalhekk meħtieġ li l-bniedem jagħraf jiżen bil-għaqal id-diversi valuri u b'deċiżjoni tiegħu jagħżel dejjem dak li huwa l-aqwa u l-aħjar.

Speċjalment f'soċjetà pluralista, jiġifieri soċjetà li tkun magħmula minn nies li jemmnu ħwejjeġ differenti, bħalma qiegħda ssir is-soċjetà li fiha qed ngħixu l-lum, ikollna bżonn ta' formazzjoni soda li tgħinna nkunu kapaċi nagħżlu dawk il-valuri li ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom u l-valuri l-oħra li jgħinuna ngħixu tassew id-dinjità li tana l-Ħallieq.

Meta, fil-valuri li jgħix, il-bniedem jagħraf 'l Alla bħala l-Awtorità fuq kulħadd li fi Kristu jurina x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, kif insibuh fl-Evanġelju, dawn il-valuri jissejħu "valuri nsara".

L-għeruq tal-valuri nsara nsibuhom fil-persuna ta' Kristu, il-Feddej tal-bnedmin kollha. Il-ħajja ta' Kristu hija l-ogħla eżempju tal-valuri umani. L-għaqda ma' Kristu tgħinna ngħixu kif imiss il-valur suprem ta' l-imħabba, li tagħti tifsira u perfezzjoni lill-valuri l-oħra kollha.

Il-wirt Malti tal-valuri nsara huwa, għalhekk, wirt għani li l-għaqal jitlob li ngħożżuh u nħarsuh b'impenn sħiħ.

**L-għażliet għall-ġejjieni**

Kif hu magħruf, bħalissa f'pajjiżna għaddejja diskussjoni dwar liema hi l-aħjar għażla li jista' jagħmel il-poplu tagħna dwar ir-relazzjonijiet futuri tiegħu ma' l-Unjoni Ewropea. F'din id-diskussjoni, hemm min qed jistaqsi jekk l-għażla li tkun membru jistax ikollha xi effett fuq il-wirt tal-valuri nsara tal-poplu tagħna.

Dwar din il-ħaġa, mhux kulħadd qed jara għajn m'għajn. Jeżistu veduti differenti dwar x'jista' jew ma jistax jiġri fil-fatt.

Hemm ukoll min qed jargumenta li l-ġejjieni tal-wirt Malti tal-valuri nsara jiddependi totalment minn xi jrid jew ma jridx il-poplu Malti – sew jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, sew jekk ma ssirx membru.

Fattur pożittiv u sabiħ li qed joħroġ ċar mid-diskussjoni li għaddejja fuq dan is-suġġett – basta ħadd ma jinqeda bir-reliġjon għal xi skopijiet partiġġjani – huwa li n-naħat kollha jidhru li jridu jgħożżu, jiddefendu u jsaħħu dan il-wirt ta' valuri nsara u Maltin.

Minnu nnifsu dan juri li, minkejja d-diffikultajiet u l-kontroversji, il-fjamma tal-valuri Nsara li għandna, għadha fjamma ħajja u qawwija.

Iżda jekk irridu nassiguraw, verament, ġejjieni feliċi għall-wirt Malti tal-valuri Nsara, jeħtieġ li naħdmu id f'id, bil-kalma u bir-raġuni, mhux biss biex inkunu żguri li kull relazzjoni li l-poplu tagħna jista' jkollu ma' l-Unjoni Ewropea ma tnissel ebda sħab iswed għall-valuri tagħna, imma wkoll biex dawn il-valuri nħarsuhom u nsaħħuhom bil-fatti, ikunu xi jkunu r-relazzjonijiet futuri tagħna ma' l-Ewropa u mad-dinja.

Hu ċar, infatti, li jekk, bħala poplu, irridu tassew nibqgħu ngħożżu u nħarsu l-wirt Malti tal-valuri Nsara, irridu flimkien nibnu lqugħ sod kontra kull riħ ta' pressjoni li jista' jonfoħ fuqhom, ikun ġej minn fejn ikun ġej. Irridu wkoll ngħidu bis-serjetà lilna nfusna u lid-dinja li dawn il-valuri tagħna, li jagħmluna dak li aħna, la huma għall-bejgħ, la għat-tpartit u l-anqas għall-ixkaffa.

**Tbajja' koroh**

Kif nafu lkoll, il-ġrajja ta' ġensna hija minsuġa mal-Bxara t-Tajba. Ġenerazzjoni wara l-oħra, il-poplu tagħna fittex li jibni l-ġejjieni tiegħu fuq is-sisien sodi u sħaħ ta' ħajja Nisranija. Madankollu, kull ma jmur, fuq ix-xefaq qed ifeġġu t-tbajja' koroh ta' xejriet ta' ħajja u ta' mġibiet li bil-mod il-mod ibiegħdu l-bniedem minn Alla u l-Liġi tiegħu.

Il-problemi mhumiex ġejjin biss mill-għatx għall-flus li qed jaħkem lill-bniedem b'qawwa dejjem akbar. Il-problemi ġejjin ukoll, fost oħrajn, minn ċerti mudelli ta' stili ta' ħajja, bħal dawk dwar iż-żwieġ u l-familja, li qed jiġu proposti jew qed jaqbdu l-art f'pajjiżna u li ġejjin minn kulturi li għalkemm forsi jitkellmu fuq Alla, ftit li xejn juru li jimpurtahom mir-rieda tiegħu.

Rigward il-kilba għall-flus, irridu nżommu quddiem għajnejna li l-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss. Il-flus mhumiex kollox. Ikun ħażin, per eżempju, jekk fil-ħerqa tagħna biex naraw jikber il-ġid materjali, ma jkollniex lista ta' prijoritajiet li tkun ispirata mill-ogħla ġid komuni, il-ħarsien taż-żgħir, u r-rispett xieraq għall-wirt naturali u ambjentali nazzjonali. Ikun ħażin ukoll jekk is-soċjetà tagħna tinħakem mill-illużjonijiet tas-suċċessi faċli, tal-konsumiżmu u ta' mġibiet simili vojta minn ideali u valuri sani.

Fejn jidħlu ż-żwieġ u l-familja, imbagħad, jekk il-poplu tagħna jrid jibqa' jgħożż tassew il-wirt tal-valuri tiegħu, qatt ma nistgħu nċedu għal xi pressjoni – la minn ġewwa u lanqas minn barra – biex nibdew inħarsu lejn id-divorzju, il-koabitazzjoni, u ż-żwieġ bejn persuni ta' l-istess sess bħallikieku dawn issa saru tajbin għax hemm min iridhom, jew għax hawn ħaddieħor li jaċċettahom.

L-istess nistgħu ngħidu għal xi rjieħ ta' pressjoni li jistgħu jfeġġu rigward l-abort u l-ewtanasja. Il-'le' tal-poplu tagħna għal ħwejjeġ bħal dawn għandha tkun soda u bla tlaqliq għaliex is-sid tal-ħajja, mill-bidu sa tmiemha, huwa u jibqa' biss Alla.

Ir-reżistenza tagħna għal ħsarat bħal dawn trid tkun ċara u tonda, ikunu xi jkunu r-relazzjonijiet tagħna ma' popli oħra. Dan għaliex l-irjieħ li qed jipproponu ħwejjeġ simili lill-poplu tagħna diġà ilhom jonfħu b'saħħa f'pajjiżna. Huma rjieħ kulturali u ta' stili ta' għajxien li jagħmlu l-ħsara lill-bniedem u lis-soċjetà għaliex huma miftuma mir-rieda ta' Alla għall-bniedem. Huma rjieħ li ġieli ssirilhom propaganda qawwija wkoll minn

ċerti esponenti tal-media lokali bl-iskuża inaċċettabbli li kulħadd għandu d-dritt jgħix kif irid u kif jogħġbu.

Il-Knisja, bħall-Fundatur tagħha, ma trid timponi ruħha fuq ħadd. Trid tħalli lil kulħadd fil-libertà dwar jekk jaċċettax lil Kristu u tagħlimu. Tirrispetta wkoll kull twemmin ieħor. Fl-istess ħin, però, min ma jemminx m'għandu ebda dritt jipprova jimponi n-nuqqas ta' twemmin tiegħu fuq ħaddieħor.

## L-impenn tal-Knisja

Kull min, fost l-isfidi u l-opportunitajiet tal-preżent u tal-ġejjieni, jibqa' jħaddan u jiddefendi l-wirt ta' valuri nsara li n-nazzjon Malti rċieva mill-ġenerazzjonijiet ta' l-imgħoddi, u li jibqa' gwida żgura għall-iżvilupp tiegħu fil-ġejjieni, għandu l-appoġġ u l-inkuraġġiment tal-Knisja.

Jalla l-valuri Maltin jibqgħu jispiraw l-iżvilupp ġejjieni ta' pajjiżna. Jalla lkoll kemm aħna, quddiemnett kull min fuq spallejh għandu xi forma ta' responsabbiltà ta' tmexxija, nibqgħu ngħassu sabiex dawn il-valuri ma jiġu qatt sagrifikati għal tendenzi li jitwieldu mid-dħul ta' ideat jew forom ta' mġiba li ma jaqblux mat-tradizzjoni nisranija ta' Malta.

Irridu nafdaw fl-għajnuna tal-Mulej. Din l-għajnuna ma nistgħux ngħaddu mingħajrha. Ninħtiġuha ħafna biex jirnexxilna niddedikaw lilna nfusna dejjem aħjar għat-tisħiħ tal-progress li ksibna diġà. Ninħtiġuha wkoll biex nagħrfu l-isfidi li għandna quddiemna u s-soluzzjonijiet li rridu nsibu għalihom, fid-dawl tal-Ligi ta' Alla u tal-valuri Nsara li aħna l-Maltin dejjem għożżejna.

Ruħ il-poplu tagħna rridu ngħożżuha u nibżgħu għaliha. Irridu nħarsuha minn kull pressjoni jew periklu li tista' ssib ma' wiċċha.

L-impenn tagħna lkoll, ikun xi jkun il-ġejjieni ta' pajjiżna u jkunu xi jkunu r-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħna ma' pajjiżi oħra, għandu jkun li nżommu lil Kristu f'ħajjitna u fil-kultura tagħna.

L-aqwa u l-akbar mexxej tagħna jibqa' Kristu.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

L-Erbgħa tar-Rmied, 13 ta' Frar 2002.

✠ ĠUŻEPPI MERCIECA
Arċisqof ta' Malta

✠ NIKOL Ġ. CAUCHI
Isqof ta' Għawdex

Joseph Magro, Segretarju

**Ċirkulari Numru 421**

# ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Navżaw li l-ġbir kollu li jsir fil-Quddies li jiġi ċelebrat fil-knejjes kollha fl-Arċidjoċesi, nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 17 u 18 ta' dan ix-xahar se jmur għall-Fond ta' l-Iskejjel tal-Knisja.

Il-Knisja qegħda terġa' tappella għall-ġenerosità tal-membri tagħha biex permezz ta' din il-ġabra jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-Iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ.

# FESTA TA' KRISTU RE

Il-festa ta' Kristu Re din is-sena se tiġi ċelebrata nhar il-Ħadd, 25 ta' Novembru.

Il-motto magħżul din is-sena mill-Kumitat Organiżżattiv tal-FORUM tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi biex jiggwidana fiċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa hu: **"M'hemmx IMĦABBA akbar ..."** Ġw. 15,13.

Iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani tal-festa ta' Kristu Re din is-sena se jsiru fil-Parroċċi tal-Qrendi, Imqabba, Ħal-Luqa u Żurrieq b'dan il-programm:

1. Il-Ġimgħa, 23 ta' Novembru fis-6.30 p.m. laqgħa għaż-żgħażagħ fir-residenza ta' San Vincenz de Paule.
3. Is-Sibt, 24 ta' Novembru fit-3.30 p.m. mixja mill-M.U.S.E.M. tas-subien (TriqRixtellu) u wara laqgħa ferrieħa għat-tfal fil-Knisja parrokkjali ta' Ħal-Luqa
4. Il-Ħadd, 25 ta' Novembru fl-4.00 p.m. mixja ta' Fidi minn Vjal Indipendenza sa quddiem il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq fejn issir ċelebrazzjoni.

Fis-6.00 p.m. tiġi ċelebrata Quddiesa fil-Knisja ta' San Ġakbu, Żurrieq.

Mons. Arċisqof irid ukoll li, bi tħejjija għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija ssir adorazzjoni nhar il-Ħamis, 22 ta' Novembru.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 5 ta' Novembru 2001.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

**Ċirkolari Numru 422**

# TALB GĦALL-ASSEMBLEA TAS-SINODU DJOĊESAN

Bejn nhar il-Ħamis, 29 ta' Novembru u s-Sibt, 1 ta' Diċembru 2001, se tinżamm it-tieni Sessjoni ta' l-Assemblea tas-Sinodu Djoċesan.

Is-suċċess tas-Sinodu jiddependi mhux biss mill-ħidma u d-diskussjonijiet tagħna, imma fuq kollox mill-għajnuna li Alla fl-imħabba tiegħu jagħtina biex nagħrfu r-rieda tiegħu għall-Knisja tiegħu li hi f'Malta u biex imbagħad nagħmlu dak li Hu jrid minna.

Huwa xieraq li jsir talb biex aħna lkoll, kemm dawk li huma msejħa għall-Assemblea tas-Sinodu kif ukoll il-membri l-oħra tal-Knisja jkollna din l-għajnuna ta' Alla.

Għaldaqstant Mons. Arċisqof irid li:

(1) fil-Quddies kollu sat-2 ta' Diċembru fit-Talba tal-Fidili tiżdied din l-invokazzjoni: *"Mexxina int, Mulej, fil-mixja tagħna flimkien bħala l-Knisja tiegħek f'Malta matul is-Sinodu djoċesan; dawwalna u saħħaħna bl-Ispirtu tiegħek, biex nagħrfu xi trid minna u jkollna l-qawwa li nagħmluh"*;

(2) fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija issir adorazzjoni nhar il-Ħamis, 29 ta' Novembru b'talb speċjali għal din l-intenzjoni;

(3) tingħad ta' spiss, possibilment kuljum, it-Talba għas-Sinodu fil-knejjes kif ukoll privatament mill-fidili.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, illum 20 ta' Novembru 2001.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

**Ċirkolari Numru 423**

# JUM TA' SAWM U TALB GĦALL-PAĊI

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa stieden il-Knisja kollha biex, fis-sitwazzjoni internazzjonali mqallba li d-dinja tinsab għaddejja minnha bħalissa, nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru ngħixuh bħala jum ta' Sawm. Il-Papa fakkarna wkoll biex flimkien mas-sawm ngħaqqdu l-għoti ta' karità lil min hu fil-bżonn u li s-sawm u l-karità jagħtu qawwa speċjali lit-talb tagħna.

Monsinjur Arċisqof jixtieq iħeġġiġna lkoll biex nhar l-14 ta' Diċembru ningħaqdu ma' ħutna Nsara fid-dinja kollha biex inwieġbu għall-istedina tal-Papa billi:

1) Kull min jiflaħ, jagħmel is-sawma li talabna l-Papa.
2) Min ma jiflaħx isum, jagħmel xi sagrifiċċji jew penitenzi.
3) Bħala frott tas-sawma jew sagrifiċċji tagħna, nagħmlu offerta favur il-foqra tad-dinja. Dawn l-offerti għandhom jitwasslu lil Caritas direttament jew permezz ta' l-Uffiċċji Parrokkjali.
4) F'kull knisja jew kappella fejn jinżamm Ġesù Sagramentat tiġi organizzata Ġurnata, jew għallinqas Siegħa, ta' Esposizzjoni Ewkaristika li fiha jsir talb għall-paċi fid-dinja.
5) Fil-knejjes fejn jiġu ċelebrati aktar minn quddiesa waħda, waħda minnhom tkun dik "Għall-Paċi u l-Ġustizzja" (Sagramentarju Malti, p. 905).

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Diċembru 2001.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

10 ta' Diċembru 2001

Lir-Rev. Arċiprieti u Kappillani

Infakkrek fiċ-Ċirkulari Nru 423 dwar il-JUM TA' SAWM U TALB GĦALL-PAĊI nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru. Jekk għal xi raġuni ma qrajtx l-avviż dwar is-sawm u t-talb mitlub, dan għandu jsir fil-quddies matul din il-ġimgħa.

F'dawk il-parroċċi li fihom kien ippjanat li jsiru xi attivitajiet soċjali ta' ikel u rikreazzjoni, dawn għandhom jiġu posposti għal ġurnata oħra.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

**Ċirkulari Nru. 424**

# JUM IL-KARITÀ 2002

"Jum il-Karità" fl-Arċidjoċesi tagħna se jiġi ċelebrat nhar il-Ħadd 20 ta' Jannar, bit-tema "X'titlob minna l-imħabba nisranija".

Dan il-Jum huwa parti mill-Ġimgħa tal-Karità li magħha hawn marbuta bosta attivitajiet spiritwali, reliġjużi u edukattivi biex aħna ma nkunux inħobbu biss billi ndaħħlu idejna fil-but u nagħtu offerta, imma fuq kollox billi nagħtu każ, nifhmu u ngħinu lill-proxxmu kollu tagħna u b'mod speċjali lil min hu fil-bżonn.

Bi tħejjija għal din il-Ġimgħa huwa xieraq li ssir Adorazzjoni Ewkaristika fil-jiem ta' qabel bit-testi taċ-Ċelebrazzjoni li qegħda tintbagħat separatament.

Fil-quddies kollu tas-Sibt u tal-Ħadd 19 u 20 ta' Jannar ser issir il-ġabra tas-soltu għall-ħidmiet u Djar ta' Karità li l-Knisja għandha f'Malta. Fl-istess ġranet fil-Knejjes kollha se jkun hemm kaxxi li fihom jistgħu jitqegħdu ikel u oġġetti oħra utli biex jitqassmu fid-Djar tal-Knisja.

Parti simbolika minn dawn l-offerti u l-flus miġbura ser jingħataw mill-Kappillani u rappreżentanti mill-parroċċi lil Monsinjur Arċisqof waqt quddiesa li ser jiċċelebra fil-Konkattidral ta' San Ġwann, il-Belt, nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2002 fis-6.00 p.m.

Bl-għajnuna ġeneruża li nagħtu lil dawn id-Djar u ħidmiet ta' Karità li aħna, bħala Knisja qegħdin inżommu f'Malta, nkunu qegħdin naqdu lil Kristu f'ħutna li jinsabu fil-bżonn. Fl-istess ħin inkunu nfissru l-apprezzament tagħna lejn dawk li jmexxu dawn id-Djar u ħidmiet jew jaħdmu fihom bil-qalb u b'sagrifiċċju bħala voluntiera jew impjegati.

Il-Mulej ibierek u jippremja kull sagrifiċċju li nagħmlu biex infissru b'mod prattiku l-imħabba tagħna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 7 ta' Jannar 2002.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Dun Charles Bugeja, Aġent Kanċellier

**Ċirkulari Nru. 425**

# VELJA TA' TALB GĦALL-PAĊI

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Jannar 2002, fuq xewqa tal-Papa, sejra tiġi ċelebrata Velja ta' Talb għall-Paċi fil-Kattidral, l-Imdina, immexxija minn Monsinjur Arċisqof.

Il-Velja tibda fis-6.00 ta' fil-għaxija, b'pellegrinaġġ qasir minn Bieb l-Imdina sal-Kattidral. Wara ssir ċelebrazzjoni ta' talb.

Għal din il-Velja ġew mistiedna u sejrin jieħdu sehem mexxejja ta' komunitajiet reliġjużi oħra.

Tkun ħaġa xierqa li kull Parroċċa tibgħat rappresentanza għal din il-Velja.

Din il-Velja qegħda ssir lejliet il-Pellegrinaġġ ta' Talb għall-Paċi f'Assisi li l-Papa sejjaħ, u li għalih stieden ukoll mexxejja minn komunitajiet Insara oħra kif ukoll ta' reliġjonijiet oħra.

Tkun ħaġa sabiħa jekk, possibilment sat-22 ta' Jannar, il-Parroċċi, għal rashom jew fi gruppi ta' parroċċi flimkien, jorganizzaw pellegrinaġġ u laqgħa ta' talb għall-Paċi, f'għaqda mal-Papa u mal-Velja fid-Djoċesi.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 8 ta' Jannar 2002.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Dun Charles Bugeja, Aġent Kanċellier

# ASSEMBLEA TAL-PARROĊĊI DWAR IL-PARROĊĊA U L-FAMILJA

Rappreżentanti tal-parroċċi kollha ta' Malta se jiltaqgħu f'assemblea ta' tlett ijiem biex jiddiskutu kif jistgħu jsaħħu dejjem iżjed il-ħidma parrokkjali b'riżq il-familja.

L-Assemblea tal-Parroċċi se ssir fis-Seminarju, tal-Virtù, fil-5, 6 u 7 ta' Novembru 2001, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.

L-għażla tal-familja bħala t-tema ċentrali ta' l-Assemblea tal-Paroċċi ta' din is-sena saret fl-okkażjoni ta' l-20 anniversarju minn meta l-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ l-Ittra Apostolika tiegħu dwar il-familja.

It-tema ntagħżlet ukoll biex l-assemblea tagħmel riflessjoni fuq dak li qed jagħmlu l-parroċċi għall-ġid tal-familja, b'rabta ma' l-esperjenza tas-Sinodu Djoċesan li qed jagħti importanza kbira lill-familja.

Fl-assemblea se jagħtu s-sehem tagħhom diversi kelliema li se jittrattaw aspetti diversi tal-ħajja tal-familja.

3 ta' Novembru 2001

# NOMINAT KAP REVIŻUR FIL-KURJA TA' L-ARĊISQOF

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nnomina lil Dun Lawrenz Zammit bħala Kap Reviżur fil-Kurja ta' l-Arċisqof.

Ir-responsabbiltà prinċipali ta' Kap Reviżur hija dik li jara li jitwettqu l-obbligi li jkun hemm marbuta mal-legati.

Dun Lawrenz twieled Ħal Qormi fit-2 ta' Awissu 1951 u ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' April 1979.

L-ewwel kariga ta' Fr. Zammit kienet dik ta' Assistent Ċerimonier Djoċesan.

Fl-1984, Dun Lawrenz sar Viċi-Parroku fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

F'Mejju 1990 ġie nominat Kappillan tal-Parroċċa tal-Kalkara.

F'Diċembru 1996 beda jagħti servizz pastorali fil-Parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid.

Minn Ottubru 1998 'il hawn, Fr. Zammit kien Arċipriet tal-Parroċċa tal-Floriana.

Peress li bin-nomina ta' Kap Reviżur, Fr. Zammit qed jispiċċa minn Arċipriet tal-Parroċċa tal-Floriana, Mons. Arċisqof innomina lil Dun Victor Zammit McKeon bħala Amministratur ta' din il-Parroċċa. Il-kariga ta' Amministratur min-natura tagħha hija temporanja.

3 ta' Novembru 2001

# FESTA TA' KRISTU RE 2001

## ENFASI FUQ L-IMĦABBA U L-ĦIDMA VOLONTARJA

Fil-Festa ta' Kristu Re 2001, il-Knisja f'Malta qed tistieden lill-komunità kollha biex tirrifletti iktar fil-fond fuq l-importanza u l-bżonn ta' l-imħabba fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, skond it-tagħlim tal-Mulej Ġesù.

Biex jgħinu ħalli dan il-messaġġ jasal għand il-komunità, għall-Festa ta' Kristu Re ta' din is-sena l-organizzaturi għażlu t-tema: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw. 15,13.)

Iċ-Ċelebrazzjonijiet Djoċesani tal-Festa ta' Kristu Re din is-sena se jsiru fil-Parroċċi tal-Qrendi, Imqabba, Ħal Luqa u ż-Żurrieq. Dawn il-parroċċi ntagħżlu mill-Kumitat Organizzattiv tal-Festa ta' Kristu Re, li jopera fi ħdan u f'isem il-FORUM ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Reliġjużi. Il-Kumitat Organizzattiv qed jimxi bis-sistema li ċ-ċelebrazzjoni ssir f'parroċċi differenti. Fl-imgħoddi, iċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali tal-Festa ta' Kristu Re kienu jsiru fil-belt Valletta. Fl-aħħar seba' snin, saru f'Paceville (1993), fil-Mosta (1994), fil-Kottonera (1995), fil-Ħamrun u Gwardamangia (1996), f'Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi (1997), f'Wied il-Għajn, il-Fgura u Ħaż-Żabbar (1998); Ħad-Dingli, ir-Rabat u l-Imdina (1999); u Birkirkara (2000).

L-attivitajiet prinċipali ta' din is-sena huma dawn:

**IL-ĦAMIS, 22 ta' Novembru, fl-10.00 a.m.**: Ħin ta' spiritwalità għas-saċerdoti fil-Knisja ta' San Mattew, Qrendi.

**IL-ĠIMGĦA, 23 ta' Novembru, fl-4.30 p.m.:** Laqgħa għar-reliġjużi nisa fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba.

**IL-ĠIMGĦA, 23 ta' Novembru, fis-6.30 p.m.**: Attività għaż-Żgħażagħ fir-Residenza San Vinċenz De Paule. Il-programm jinkludi spettaklu u esperjenzi ta' għaqdiet/movimenti fil-ħidma tagħhom volontarja. Ikun hemm preżentazzjoni u wirja ta' materjal viżiv, diskussjoni fi gruppi dwar il-volontarjat, u stedina liż-żgħażagħ preżenti biex jagħmlu inizjattiva bit-

tema: "Iż-żgħażagħ, x'jistgħu jagħmlu?" Il-konklużjoni tkun f'forma ta' talb flimkien segwit minn programm ta' divertiment.

**IS-SIBT, 24 ta' Novembru, fit-3.30 p.m.**: Mixja u Laqgħa Ferrieħa għat-Tfal. Il-mixja tibda minn ħdejn il-MUSEUM tas-Subien ta' Ħal Luqa sal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, fejn issir laqgħa ta' kant, drama, mima u zfin mit-tfal tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa.

**IL-ĦADD, 25 ta' Novembru, fl-4.00 p.m.:** Mixja ta' Fidi minn Vjal l-Indipendenza sa quddiem il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq. L-animazzjoni ssir mill-Kor Magnificat tal-Qrendi. Quddiem il-Knisja taż-Żurrieq issir ċelebrazzjoni li tkun tinkludi mima mtellgħa mill-Grupp taż-Żgħażagħ miż-Żurrieq, dwar it-tema prinċipali. Isir ukoll diskors minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Iċ-ċelebrazzjoni tintemm bil-Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù u Barka Sagramentali. Fis-6.00 p.m. tiġi ċelebrata Quddiesa fil-Knisja ta' San Ġakbu, Żurrieq.

16 ta' Novembru 2001

# AVVIŻ DWAR ĠBIR TA' FLUS F'ISEM IL-PARROĊĊA TAL-FLORIANA

L-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta javżaw li, b'effett immedjat l-ebda attività ta' ġbir ta' flus f'isem jew għall-Parroċċa tal-Floriana ma hi permessa. Lanqas ma hu permess li jsiru spejjeż f'isem il-Parroċċa mingħajr l-awtorità ta' l-Amministratur Parrokkjali.

Kull inkarigu simili li seta' kien jeżisti sal-lum kien x'kien l-iskop, qed jiġi sospiż minnufih.

Dan il-pass qed jittieħed sakemm jieħu l-pussess l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa tal-Floriana.

L-Arċipriet il-ġdid ikollu s-setgħa u l-libertà, skond il-liġijiet tal-Knisja, li jagħżel u jiddeċiedi hu x'għandu jsir fir-rigward tal-ġbir għall-bżonnijiet tal-Parroċċa u minn min għandu jsir dan il-ġbir.

17 ta' Novembru 2001

# SEMINAR DWAR IL-ĦIDMA PASTORALI FOST IL-ĦADDIEMA F'PAJJIŻI EWROPEJ

Patri Pawl Deguara S.J., Delegat ta' l-Arċisqof għat-Taqsima Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol, se jattendi seminar Ewropew dwar ix-xogħol u l-impjiegi taż-żgħażagħ, li se jsir fil-Belġju mit-22 sa l-24 ta' Novembru 2001.

Is-seminar qed jiġi organizzat mill-Grupp Ewropew għall-Pastorali fost il-Ħaddiema. Dan il-grupp, magħruf bħala G.E.P.O., huwa magħmul minn rappreżentanti ta' movimenti internazzjonali li jaħdmu fost u għall-ħaddiema, kif ukoll minn operaturi pastorali minn 11-il pajjiż Ewropew. Kull sena il-G.E.P.O jorganizza seminar dwar suġġett li jolqot il-ħaddiema. Din is-sena, dan is-seminar se jkun dwar: "Ix-Xogħol u l-Impjiegi taż-Żgħażagħ: Domandi għal pastorali tal-ħaddiema Ewropej" L-operaturi pastorali se jiffokaw fuq il-valur tal-ħaddiema żgħażagħ, kif ukoll fuq ix-xogħol tagħhom u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom.

Kull delegat minn kull pajjiż qed ikun mitlub iwieġeb mistoqsijiet dwar is-sitwazzjoni tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u d-diffikultajiet biex isibu l-ewwel post tax-xogħol; l-instabilità fix-xogħol fir-rigward taż-żgħażagħ; x'jifhmu ż-żgħażagħ "bix-xogħol" u x' jistennew; u riflessjonijiet oħra dwar ix-xogħol fost iż-żgħażagħ.

Patri Deguara bena t-tweġibiet dwar iż-żgħażagħ f'Malta fuq informazzjoni maħruġa mill-*Employment and Training Corporation*, fuq ir-rapport tal-*European Values Studies and Young Values Survey* dwar iż-żgħażagħ Maltin, u fuq tagħrif provdut mill-Moviment Żgħażagħ Ħaddiema Nsara ta' Malta.

Fis-seminar se jkun hemm ukoll diskorsi dwar l-awtoritajiet pubbliċi u l-unjons quddiem l-impjieg taż-żgħażagħ. Fuq dan is-suġġett se jitkellmu esperti mill-*General Direction Employment of the European Union,* mill-*European Trade Union Confederation,* miċ-*Chaplain of the Christian Labour Movement*, u mill-*Cardijn Training Centre* tal-Belġju .

20 ta' Novembru 2001

# MESSAĠĠ ta' Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-okkażjoni tal-Festa ta' Kristu Sultan 2001

## Imħabba, servizz u ġustizzja

Fil-Festa ta' Kristu Re ta' din is-sena, il-Knisja qed tistedinna nirriflettu fuq dak li għallimna l-Imgħallem Divin meta, waqt li kien qed jitkellem fuq il-bżonn li l-bnedmin iħobbu lil xulxin, qalilna hekk: "Hadd m'għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15, 13). Hafna minna nħabirku biex din l-imħabba lejn xulxin nuruha billi kull meta jkun hemm xi sejħa biex ngħinu lill-bniedem fil-bżonn indaħħlu idejna fil-but u nagħtu kemm nistgħu.

Allaħares ma jkunx hekk. Infatti, ħafna drabi hu biss permezz ta' din l-għajnuna ġeneruża li jkunu jistgħu jitwettqu u jitmexxew 'il quddiem tant inizjattivi ta' solidarjetà.

Dan hu sabiħ u tajjeb. Iżda l-imħabba li jitlob minna Kristu ma tiqafx hawn. L-imħabba lejn xulxin titlob ferm iżjed minn hekk. Trid tkun l-imħabba li timbuttana nersqu lejn kulħadd, hi x'inhi l-qagħda tiegħu.

## Il-valur tal-volontarjat

Dan jitlob minna lkoll rispett sħiħ għal min isib ruħu fis-solitudni, mifxul, mifni bil-qtigħ il-qalb, skartat, imwarrab, inċert minn x'se jiġri minnu u gwaj ieħor li jaf jaħkem lill-bniedem.

Jitlob minna wkoll il-kapaċità li nagħrfu l-valur ta' għajnuna lill-proxxmu, bħal bil-volontarjat.

Is-servizz volontarju huwa wieħed mill-modi konkreti ta' kif aħna nqegħdu fil-prattika l-imħabba tagħna lejn xulxin.

Permezz tas-servizz volontarju wieħed jissagrifika lilu nnifsu biex jagħti parti mill-ħin tiegħu, minn ħajtu - mingħajr ma jistenna xejn lura - għal ħutna morda, xjuħ, li għandhom xi diżabiliità, li jinsabu fil-ħabs, jew li għandhom xi gwaj ta' għażliet żbaljati, abbandun u faqar ieħor ta' żmienna.

Is-servizz volontarju huwa wkoll mod ta' kif wieħed jgħin, minn jeddu u minn ħinu, f'xi fergħa tal-ħajja tal-Knisja jew tas-soċjetà - fosthom il-katekiżmu, it-tħejjija għaż-żwieġ, il-liturġija, il-festi, l-isport, il-politika, it-trade unions, l-ambjent u tant oqsma oħrajn.

Min jinvesti fis-servizz volontarju ma jkunx jinvesti fi flus, iżda jkun qed jagħmel investiment li jirrendilu ferm iktar mill-flus.

L-ewwelnett, il-ħin li wieħed jagħti f'servizz volontarju lill-proxxmu jgħinu jagħraf tajjeb kif juża kull ħaġa oħra li jagħmel fil-bqija tal-ħin tiegħu: bħal kif juża dak li jkollu - fosthom edukazzjoni, kapaċità, flus u ġid; u kif jibni l-imġiba tiegħu ma' l-oħrajn fil-familja, fuq ix-xogħol, mal-ħbieb u fis-soċjetà.

Iżda aktar importanti minn hekk, kull min ikollu din l-imħabba għall-proxxmu jkollu l-barka garantita ta' Dak li qalilna li l-ħlas li l-Mulej ħejja fis-sema għal kull min jagħti tazza ilma lill-batut, huwa ħlas kbir.

## Imħabba lejn il-proxxmu

Imħabbitna lejn il-proxxmu jeħtieġ nuruha wkoll bil-mod kif aħna, fil-qadi tagħna lejh, nieħdu ħsieb nirrispettaw id-dinjità tiegħu, nittrattawh sewwa, ngħinuh mill-aħjar li nistgħu u noqogħdu attenti li ma jkun qatt li nqegħdu l-qligħ tal-flus jew l-interessi personali qabel il-bniedem.

Dan jitlob minna ħafna ġenerożità, onestà, integrità u sens ta' sagrifiċċju. Imma jekk irridu nkunu tassew segwaċi sħaħ ta' Kristu Sultan, li ta ħajtu għall-fidwa tagħna, m'għandniex triq oħra.

Imħabbitna lejn il-proxxmu twassalna biex nagħrfu kif għandna nitħaddtu jew niktbu fuqu.

Jinħtieġ li ma nonqsu qatt mill-karità f'dan il-qasam. Jinħtieġ li ma jkun qatt li, bl-iskuża li nagħtu ħafna informazzjoni, nonqsu bil-kbir billi nonxru quddiem kulħadd difetti, nuqqasijiet jew żbalji ta' ħaddieħor.

Għandna lkoll nimxu b'responsabbiltà kbira meta nitħaddtu jew niktbu dwar dak li nkunu smajna jew nafu fuq ħaddieħor. Hekk jitolbu l-imġiba tajba u l-imħabba lejn il-proxxmu. Fejn wieħed iħoss li l-iżball jew in-nuqqas ta' persuna jkun ta' ħsara u deni lill-bniedem jew lis-soċjetà, id-dmir jitlob li dak li jkun jinforma, bi prudenza u b'imħabba, lill-awtorità kompetenti għall-konsiderazzjoni, ġudizzju u l-azzjoni neċessarja, jekk dan ikun il-każ. Hekk inkunu nrażżnu u nirbħu kull xewqa jew sentiment ieħor mhux xieraq li jista' jkollna.

## Xogħol u professjoni

Imħabbitna lejn il-proxxmu rridu nuruha wkoll bil-mod kif aħna nġibu rwieħna ma' ħaddieħor fix-xogħol jew il-professjoni tagħna. Dan jgħodd għal kull xogħol u professjoni. Dawn iridu jkunu kollha indirizzati biex ikunu ta' servizz għal ħaddieħor.

Jiġuni f'moħħi, per eżempju, oqsma fejn is-servizz ikun jitlob attenzjoni u rispett partikolari lejn il-bniedem u d-dinjità tiegħu; u fejn jekk ma joqgħodx attent wieħed jispiċċa biex jikkaġuna xi diskriminazzjoni jew inġustizzja li tnissel dannu jew tbatija lill-proxxmu.

Dan jgħodd ħafna u ħafna għal dawk l-oqsma fejn is-servizz provdut jolqot il-kura tas-saħħa tal-bniedem. Tkun inġustizzja kbira jekk ikun hemm min ikejjel il-kwalità u l-ħeffa ta' l-attenzjoni u s-servizz lill-marid skond kemm il-marid jersaq lejh bi flus jew rigali.

Kull min irid tassew iħobb u jaqdi lill-proxxmu skond u fl-ispirtu tat-tagħlim dejjem frisk li Kristu Sultan ħallielna fl-Evanġelju tiegħu jrid joqgħod attent li, fost ħwejjeġ oħrajn:

- ma jiskartax mix-xogħol, anzi jagħmel dmiru fil-ħin u jagħmlu tajjeb;

- jagħti servizz tajjeb u jaħrab it-tentazzjoni li jfittex ħlasijiet jew qligħ iktar milli ħaqqu;

- jassigura li lill-ħaddiema tiegħu jħarsilhom tajjeb biżżejjed ħajjithom u saħħithom, jagħtihom ħlas ġust u jiggarantilhom kundizzjonijiet tax-xogħol li jippermettulhom ħajja xierqa mal-familja;

- joqgħod attent mill-periklu li għall-qligħ tal-flus jittratta l-bniedem bħallikieku kien oġġett;

- iħallas it-taxxa dovuta b'riżq it-tqassim ġust tal-ġid tas-soċjetà; u

- jirrispetta d-drittijiet u d-dinjità ta' l-oħrajn f'kull ċirkustanza tal-ħajja;

- u jgħin lill-proxxmu mill-aħjar li jista'.

## L-amministrazzjoni tal-ġustizzja

Kristu Sultan jitlob minna lkoll il-kapaċità li nkunu ġusti fl-imġiba tagħna ma' xulxin u li nikkoperaw mill-aħjar li nistgħu fil-ħarsien tad-drittijiet ta' kull wieħed.

Dan jgħodd ukoll, fost oqsma oħrajn, għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Soċjetà ċivili trid tibni lilha nnifisha fuq is-sisien sodi tal-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet ta' kulħadd. Soċjetà bħal din trid tħaddem makkinarju tajjeb għat-twettiq tal-ġustizzja u l-ħarsien ta' l-imġiba xierqa bejn il-bnedmin. Għaldaqstant, is-soċjetà trid tipprovdi lilha nfisha sistema ġudizzjarja serja, kredibbli, imparzjali u li tnissel fiduċja.

Jiena nitkexkex meta nisma' li jeżistu tant dubji fuq kemm tingħad dejjem il-verità, minkejja l-ġurament, fix-xiehda quddiem il-qrati.

Kif jista' jkun li wieħed jasal biex isejjaħ lil Alla li ħalqu, bħala xhud tiegħu jekk ikun jaf li qed jigdeb, aktar u aktar jekk ikun jaf li bil-gideb tiegħu se jagħmel ħsara lill-proxxmu?

Fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja hemm ukoll elementi oħra li wkoll għandhom l-importanza tagħhom.

Fost dawn hemm il-bżonn li, il-mod kif jgħixu u jġibu rwieħhom in-nies tal-liġi, il-ġudikanti u nies oħra ta' responsabbiltà fil-pajjiż, ikun dejjem u f'kull każ wieħed denn tal-professjoni u tal-kariga u tar-responsabbiltà tagħhom, kif ukoll wieħed li jispira stima u fiduċja.

Jiena nħoss li għandi ninkuraġġixxi ħafna lin-nies tal-liġi, lill-ġudikanti u nies oħra ta' responsabbiltà fil-pajjiż biex iżommu dejjem quddiem għajnejhom li, peress li s-servizz tagħhom hu daqstant sensittiv u importanti, huma jridu jkunu u jidhru li huma dejjem, f'kull sens u f'kull każ, xhieda ta' integrità privata u pubblika intatta.

Inħoss ukoll, mill-banda l-oħra, li ħadd m'għandu jattakka jew b'xi mod iqiegħed fid-dubju l-integrità jew l-imparzjalità ta' xi persuni bħal dawn jekk f'idejh ma jkollux provi konkreti ta' xi nuqqas serju li jinfluwixxi jew jista' jinfluwixxi fuq il-qadi tajjeb tad-dmirijiet. Min jattakka persuni bħal dawn mingħajr provi konkreti jkun qed jidneb u, bħal kull każ ta' malafama, jitgħabba bl-obbligu li jirrepara d-deni li jkun żera'.

## Kelma ta' kuraġġ

Fix-xogħol tagħna minn jum għall-ieħor, aħna ngħaddu ta' bilfors minn esperjenzi li jġibuna wiċċ imb'wiċċ ma' sitwazzjonijiet diffiċli u, kultant, drammatiċi.

Madankollu, in-nisrani jaf li, ikun tqil kemm ikun tqil il-piż li jkun irid iġorr, huwa dejjem għandu l-faraġ u l-għajnuna tal-Vanġelu, li jippreżentalna l-figura rebbieħa ta' Kristu, u ta' l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu.

Bil-preżenza tiegħu, Kristu jitfa' d-dawl fejn ikun hemm id-dlam, iqawwi l-qalb tal-bniedem għajjien jew imfarrak taħt it-toqol tax-xogħol jew tar-responsabbiltà, u joffri lil dawk li jafdaw fih iċ-ċertezza ta' l-għajnuna bla heda tiegħu.

Ikunu kemm ikunu komplessi u diffiċli s-sitwazzjonijiet li nsibu ma' wiċċna fil-ħajja ta' kuljum, speċjalment persuni li għandhom responsabbiltà akbar fis-soċjetà, qatt m'għandna nitilfu l-fiduċja. M'għandu jkun qatt li, fil-qalb umana, tmut iż-żerriegħa tat-tama li joffrilna u jassikuralna Kristu Sultan.

Parroċċa taż-Żurrieq,
25 ta' Novembru 2001

# LAQGĦA
# ta' l-Arċisqof mal-unions tal-ħaddiema u l-għaqdiet ta' min iħaddem

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca l-lum (il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru) se jkollu laqgħa ta' diskussjoni informali mal-mexxejja tal-*unions* tal-ħaddiema u ta' l-għaqdiet ta' min iħaddem.

Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' dawk li jħaddmu qed jiġu mistednin jitkellmu ma' Mons. Arċisqof dwar kif huma jħarsu lejn l-ambjent tax-xogħol f'pajjiżna fiż-żmien tal-lum; x'qed iħossu l-ħaddiema f'din is-sitwazzjoni; u kif il-Knisja tista' tgħinhom jaħdmu u jidhru li qed jaħdmu tassew flimkien, għall-ġid komuni.

Il-laqgħa tal-lum hija t-tmien waħda tax-xorta tagħha. Bħas-seba' laqgħat l-oħra li saru fis-seba' snin li għaddew, il-laqgħa tal-lum se ssir f'Mount St. Joseph, Targa Gap, fl-4.30 p.m.

Hija t-tama ta' Mons. Arċisqof li, b'dawn il-kuntatti, il-Knisja f'Malta, l-aktar permezz tat-Taqsima Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol, tkun ta' servizz dejjem aktar rilevanti għall-ħaddiema u min iħaddem.

Fil-laqgħa mar-rappreżentanti tal-*unions* tal-ħaddiema u ta' l-għaqdiet ta' min iħaddem, Mons. Mercieca se jkun akkumpanjat minn Dun Charles Cordina, Segretarju Pastorali; Patri Pawl Deguara S.J., Delegat għall-Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol; u Dun Joe Galea Curmi, Assistent Segretarju Pastorali.

Il-*unions* u l-għaqdiet ta' min iħaddem li ġew mistiedna għal-laqgħa huma: Confederation of Malta Trade Unions (CMTU), General Workers' Union (GWU), Union Ħaddiema Magħqudin (UHM), Malta Union of Bank Employees (MUBE), Malta Union of Teachers (MUT), Malta Union of Midwives and Nurses, Employers' Association, Federazzjoni ta' l-Industrija, Hotels and Restaurants Association, General Retailers and Traders Union (GRTU), Kamra tal-Kummerċ.

28 ta' Novembru 2001

# TKOMPLI L-ASSEMBLEA TAS-SINODU DJOĊESAN

L-Assemblea tas-Sinodu ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta se tiltaqa' fit-tieni sessjoni tagħha minn nhar il-Ħamis, 29 ta' Novembru, sas-Sibt, l-1 ta' Diċembru 2001, fil-Katekumenju, il-Mosta.

Fl-ewwel jumejn ta' din is-sessjoni, il-membri ta' l-Assemblea, li jlaħħqu madwar 270 persuna minn kull qasam tal-ħajja, se jingħataw tagħrif dwar il-ħidma li saret s'issa mit-tmien Gruppi ta' Ħidma li qed iħejju rapporti dwar it-tmien temi tas-Sinodu: Kultura - Soċjetà - Knisja; Viżjoni ta' Knisja - komunjoni/poplu b'kariżmi u ministeri diversi; Lajċi; Kelma/xandir; Liturġija/Sagramenti; Djakonija/Ġustizzja; Żwieġ u Familja; Żgħażagħ u Adolexxenti.

Fil-laqgħa tas-Sibt issir diskussjoni fuq dokument li tħejja dwar il-lajċi.

Il-Gruppi ta' Ħidma huma fformati minn persuni proposti mill-Kummissjoni Ċentrali tas-Sinodu u persuni oħra proposti minn membri ta' l-Assemblea. Huma bdew ix-xogħol tagħhom minnufih wara l-ewwel sessjoni ta' l-Assemblea tas-Sinodu, li saret f'Ġunju li għadda.

Il-laqgħat tal-Ħamis u tal-Ġimgħa se jkunu mis-6.00 p.m. sad-9.15 p.m. Dik tas-Sibt tkun mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.

8 ta' Novembru 2001

# MESSAĠĠ
# tas-Santa Sede
# lill-Musulmani għal tmiem ir-Ramadan

---

Messaġġ tas-Santa Sede lill-Musulmani għal tmiem ir-Ramadan jitkellem fuq it-tmexxija 'l quddiem tal-valuri umani fl-era teknoloġika.

Il-messaġġ, maħruġ mill-Kardinal Francis Arinze, President tal-Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu Interreliġjuż, ġie ppubblikat il-lum, 29 ta' Novembru 2001, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni Musulmana magħrufa bħala *Id Al-Fitr.*

Il-Kardinal Arinze jitratta x'jistgħu jagħmlu flimkien l-Insara u l-Musulmani, id f'id ma' bnedmin oħra membri ta' reliġjonijiet oħrajn, kif ukoll nies oħra ta' rieda tajba, biex iħarsu l-valuri umani l-iżjed importanti li huma mhedda minn dinja li għaddejja minn tibdil kontinwu.

Il-Kardinal Arinze jikteb li fl-ewwel post hemm id-dritt għall-ħajja, li jrid jiġi mħares mill-mument tat-tnissil sal-mument tal-mewt naturali, għaliex il-ħajja tiġi minn Alla u trid tirritorna għandu, meta jrid Hu. "Il-ħajja hija don l-iżjed prezzjuż li jagħti Alla u l-prekundizzjoni għad-doni divini l-oħra kollha."

Fit-tieni post, il-Kardinal Arinze jsemmi d-dinjità tal-persuna umana u d-drittijiet li jnixxu minnha, li jridu jitmexxew 'il quddiem għal kulħadd.

Il-messaġġ isemmi wkoll li, il-ġustizzja soċjali, il-paċi u l-libertà wkoll huma valuri maġġuri li huma meħtieġa għal ħajja umana xierqa, ħajja li tagħti glorja lil Alla li ħalaqha.

Meta jitkellem dwar kif in-nies li jemmnu jistgħu jħarsu flimkien dawn il-valuri fl-era teknoloġika, il-Kardinal Arinze jgħid li l-ewwelnett, dan għandu jsir permezz tad-djalogu, li huwa bdil ta' fehmiet karatterizzat minn ftuħ għall-oħrajn u mill-ħbiberija. Djalogu bħal dan, li essenzjalment irid jagħti każ tad-dimensjoni etika ta' skoperti ġodda, jista' jwassal b'mod naturali għal kollaborazzjoni fl-oqsma msemmija. Dan għandu jkun f'kull livell - lokali, reġjonali, nazzjonali u fid-dinja kollha.

29 ta' Novembru 2001

# JIGGRADWAW FL-ISTUDJI DWAR KAWŻI TA' ŻWIEĠ KATTOLIKU

Wieħed u erbgħin persuna, fil-maġġoranza tagħhom avukati u gradwati fil-liġi, li temmew b'suċċess Kors ta' Diploma fl-Istudji dwar Kawżi ta' Żwieġ Kanoniku, Ġurisprudenza u Proċedura, nhar L-Erbgħa, 5 ta' Diċembru 2001 se jirċievu ċ-ċertifikati u d-diplomi tagħhom f'ċerimonja li se ssir fil-Palazz ta' l-Arċisqof, Valletta, fis-6.00p.m.

Il-Kors ngħata bidu mill-Konferenza Episkopali Maltija taħt l-awspiċji u d-direzzjoni tat-Tribunal Metropolitan. Din hija l-ħames darba li l-Konferenza Episkopali qed tagħmel iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ta' ċertifikati ta' diploma lill-parteċipanti li temmew il-Kors b'suċċess. S'issa kien hemm madwar 250 persuna li segwew il-Kors. Sebgħin minn dawn ħadu sehem fil-Kors li għadu kif intemm.

Waqt l-istess ċerimonja, se jkun hemm 17-il Avukat/a li għandhom il-kwalifiki meħtieġa mil-Liġi Kanonika u huma approvati minn Monsinjur Arċisqof bħala President tal-Konferenza Episkopali li se jieħdu l-ġurament u b'hekk ikunu awtorizzati jassistu fil-kawżi quddiem it-Tribunali Ekkleżjastiċi. B'hekk, in-numru ta' Avukati awtorizzati biex jassistu klijenti f'dawn it-Tribunali issa hu ta' 127.

F'din l-okkażjoni, it-Tribunal Ekkleżjastiku stieden lil Rev. Prof.. Urbano Navarrete SJ, biex jagħti taħdita dwar *L-AIDS u l-kunsens matrimonjali.*

Il-Prof. U. Navarrete twieled fi Spanja f'Mejju 1920 u beda l-istudji mal-Ġiżwiti fl-1937. Ħa d-dottorat fil-Liġi Kanonika fl-1959, u fl-istess żmien beda jgħallem fl-Università Gregorjana, Ruma. Diversi drabi kien Dekan tal-Fakultà tad-Dritt Kanoniku, kif ukoll Rettur ta' l-istess Università bejn l-1980 u l-1986. Fil-preżent hu Kanonista li jgawdi prestiġju u fama internazzjonali, magħruf l-aktar għal ħafna studji profondi li ppubblika dwar is-sagrament taż-żwieġ. Minħabba l-esperjenza u l-kontribut kbir tiegħu, il-Professur Navarrete kellu sehem kbir bħala konsultur tal-Kummissjonijiet li ħadu ħsieb ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, kemm dak tal-Knisja Latina kif ukoll dak tal-Knisja Orjentali. Barra minn hekk hu għandu wkoll sehem attiv f'diversi Kongregazzjonijiet tal-Kurja Rumana, fosthom, dik tad-Duttrina tal-Fidi, dik tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, kif ukoll fit-Tribunal tas-Senjatura Apostolika

30 ta' Novembru 2001

**Il-Jum Mondjali Persuni b'Diżabilità - 3 ta' Diċembru 2001**

# MESSAĠĠ
# minn persuni b'diżabilità
# lil ħuthom tal-komunitajiet insara

**Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Persuni b'Diżabilità**

---

Għeżież ħutna, aħna persuni b'diżabilità. Ħafna minnkom lanqas tafu li neżistu. Għalhekk, il-lum irridu nirrakuntawlkom l-istorja tagħna. Fostna jinsabu xi wħud li ilhom mit-twelid marbutin ma' *wheelchair*, qatt ma ħassew il-gost li jiġru ġirja; xi wħud għomja u qatt ma raw wiċċ ommhom u l-fjuri b'kuluri differenti; xi wħud torox u qatt ma semgħu leħen missierhom u ta' sħabhom u d-daqq tal-marċijiet fil-festa; oħrajn moħħhom ma jwassalx u ma tgħallmux daqskemm tgħallimtu intom.

Nixtiqukom tkunu tafu li minkejja li m' aħniex kapaċi niġru bħalkom, ma narawx l-affarijiet sbieħ li taraw intom u xi wħud m'aħniex bħalkom fl-iskola, aħna kapaċi nħobbu daqskom. Aħna nibku meta jweġġgħuna u nifirħu meta jferrħuna. Aħna nibku meta intom ma tagħtux każ tagħna, tiskartawna, jew tippruvaw tagħmlu ta' bir-ruħkom li ma neżistux, għax persuni b'diżabilità.

Aħna l-iżjed li rridu mhumiex fluskom. Aħna rridukom tħobbuna u taċċettawna fostkom u tifirħu bina.

Dan, qed nitolbuhulkom f'isem Alla, Missierna lkoll. Missierna għani fl-imħabba. Minkejja d-diżabilità tagħna, Alla żejjinna b'dinjità ta' persuni daqskom. Iva, jixirqilna r-rispett kollu u d-drittijiet kollha li tistennew li jkollkom intom bħala persuni. Jiġu mumenti li ma narawx wiċċ Alla minħabba d-diffikultajiet li jiġu mid-diżabilità. Imma dawn il-mumenti jgħaddu u lil Alla nħossuh li hu qribna, nirringrazzjawh u nfaħħruh li ħalaqna minkejja d-diżabilità tagħna. Aħna wliedu bħalkom bil-magħmudija. Lilna wkoll jgħidilna, "Inti ibni l-għażiż, int binti l-għażiża, fik insib il-għaxqa tiegħi". Jekk ħadd ma jagħti każ tagħna, Ġesù jagħti każna: "Jien inkun magħkom".

Qatt staqsejtu għaliex ma nkunux magħkom nieħdu sehem fl-

Ewkaristija u f'ċelebrazzjonijiet oħra? Nixtiequ tiġu tfittxuna, tilqgħuna fostkom u titpaxxew bina, kif jagħmlu l-aħwa. Aħna għandna ħafna x'nagħtukom bħala komunità, li temmen li Alla hu Missier kulħadd.

Meta tiltaqgħu magħna, ħarsu lejna bħala persuni u mhux lejn id-diżabilità tagħna. Meta titkellmu fuqna ssibuniex bid-diżabilità tagħna, iżda b'isimna. Toqogħdux titħassruna. Uru rispett lejna, għal dak li niswew bħala persuni. Toqogħdux tiċċassaw lejna minħabba d-diżabilità tagħna, iżda ħalluna niggustaw it-tbissima tagħkom. Tistkerrħuniex minħabba d-diżabilità . Tibżgħux minna jekk niġu ngħannqukom u nkunu daqsxejn goffi - dak daqskemm inħobbukom. Ikollkom ħafna sabar għalina.

Xtaqna għednielkom iżjed affarijiet dwarna, u x'nixtiequ minnkom bħala Knisja, bħala komunità li tagħti l-ewwel post lill-foqra.

Veru li aħna jonqsuna ħafna affarijiet u ngħoddu ruħna bħala l-foqra ta' Ġesù fqir, imma fl-istess ħin aħna sinjuri bħala persuni u wlied Missierna tas-sema "għani fil-ħniena". Minn din l-imħabba lejn xulxin jagħrfuna li aħna dixxipli ta' Kristu u Knisja.

30 ta' Novembru 2001

# KAPPILLANI ĠODDA FIL-FLORIANA, IL-GŻIRA U L-IBRAĠ

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nnomina lil Dun Richard Borg bħala Arċipriet tal-Parroċċa tal-Floriana, lil Dun Vinċenz Cachia bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira u lil Dun Tony Agius bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' l-Ibraġ.

Dun Richard Borg twieled in-Naxxar fis-7 ta' Ottubru 1948 u ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Lulju 1974. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet bħala Viċi-Kappillan fil-Parroċċa tan-Naxxar. Fl-1985 sar Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħad-Dingli u fl-1994 Arċipriet tal-Parroċċa tas-Siġġiewi.

Dun Vinċenz Cachia twieled fl-1 ta' Ottubru 1947 fl-Imsida u ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Lulju 1974. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet bħala Viċi-Parroku fil-Parroċċa tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun. Fl-1981 sar Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħad-Dingli u fl-1985 Arċipriet tal-Parroċċa ta' l-Isla.

Dun Tony Agius twieled fil-21 ta' Awissu 1940 tas-Sliema u ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Marzu 1967. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet bħala għalliem u bħala Viċi-Kappillan fil-parroċċa ta' Stella Maris u wara f'dik ta' San Ġiljan. F'Jannar 1982, Dun Tony sar Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan. F'Ottubru 1998 sar Assistant Direttur tal-Moviment ta' Kana. F'Ġunju 2001 ġie nominat Amministratur tal-Parroċċa ta' l-Ibraġ.

1 ta' Diċembru 2001

# SEHEM KBIR TAL-LAJĊI FIS-SINODU TAL-KNISJA F'MALTA

Tmien *chairpersons* lajċi, bejn il-Ħamis u s-Sibt ta' din il-ġimgħa informaw lill-Assemblea tas-Sinodu tal-Knisja f'Malta dwar ix-xogħol li sar s'issa mill-grupp tagħhom, fit-tħejjija ta' tmien dokumenti li jridu jservu ta' gwida pastorali għall-ġejjieni. Ħamsa mit-tmien *chairpersons* kienu nisa, waqt li t-tlieta l-oħra kienu koppja miżżewġa (flimkien) u żewġ irġiel.

L-informazzjoni ngħatat fit-tieni sessjoni ta' l-Assemblea tas-Sinodu ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, li ltaqgħet bejn id-29 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2001, fil-Katekumenju, il-Mosta, fil-preżenza ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Mons. Isqof Annetto Depasquale.

Il-membri ta' l-Assemblea huma 268 persuna minn kull qasam tal-ħajja, li 143 minnhom huma lajċi: 60 nisa u 83 irġiel.

L-Assemblea ltaqgħet l-ewwel darba f'Ġunju li għadda. Dakinhar twaqqfu tmien Gruppi ta' Ħidma biex iħejju abbozzi ta' dokumenti dwar it-tmien temi tas-Sinodu: Kultura - Soċjetà - Knisja; Viżjoni ta' Knisja - komunjoni/poplu b'kariżmi u ministeri diversi; Lajċi; Kelma/xandir; Liturġija/Sagramenti; Djakonija/Ġustizzja; Żwieġ u Familja; Żgħażagħ u Adolexxenti.

Fl-ewwel jumejn tat-tieni sessjoni, dik ta' din il-ġimgħa, il-membri ta' l-Assemblea iffokaw fuq u ddiskutew it-tagħrif li ngħatalhom dwar ix-xogħol li qed isir mit-tmien Gruppi ta' Ħidma. Fit-tielet jum, is-Sibt, l-Assemblea ddiskutiet fit-tul l-abbozz tad-dokument dwar il-lajċi.

Id-dokument li qed jitħejja dwar il-lajċi jittratta l-missjoni u l-impenn tal-lajċi fil-Knisja u fid-dinja — bħal fl-uffiċċju, fil-fabbrika, fin-negozju, fil-professjoni, fil-familja u fil-kultura. "Meta l-lajċi jfittxu li jqaddsu l-ambjenti kollha li fihom jgħixu, ikunu qed iqaddsu d-dinja minn ġo fiha stess, waqt li, fil-proċess, jitqaddsu huma stess. Il-missjoni tal-lajk fis-soċjetà hija dik li jkun il-kuxjenza nisranija fis-sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja li jsib ruħu fihom," jgħid id-dokument propost. Id-diskussjoni kkonċentrat ukoll fuq ir-rwol tal-lajċi, sew jekk ikunu membri ta' għaqdiet u movimenti reliġjużi, sew jekk ma jkunux,

It-tielet sessjoni tas-Sinodu se ssir fi Frar 2002, meta tkompli d-diskussjoni dwar id-dokumenti pastorali li qed jitħejjew fuq it-tmien temi tas-Sinodu.

1 ta' Diċembru 2001

# JUM TA' SAWM U TALB GĦALL-PAĊI

Il-Knisja f'Malta qed tħeġġeġ lill-membri tagħha biex iwieġbu kif imiss għall-istedina li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II biex, fis-sitwazzjoni internazzjonali mqallba li d-dinja tinsab għaddejja minnha bħalissa, nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2001 il-Kattoliċi jgħixuh bħala jum ta' sawm u biex flimkien mas-sawm jgħaqqdu l-għoti ta' karità lil min hu fil-bżonn.

Il-Papa fakkar li s-sawm u l-karità jagħtu qawwa speċjali lit-talb tagħna.

Ċirkolari tal-Kurja ta' l-Arċisqof tgħid li Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca jixtieq iħeġġeġ lill-Kattoliċi Maltin biex nhar l-14 ta' Diċembru jingħaqdu ma' ħuthom il-Kattoliċi fid-dinja kollha u jwieġbu għall-istedina tal-Papa billi:

- Kull min jiflaħ, jagħmel is-sawma li talab il-Papa.

- Min ma jiflaħx isum, jagħmel xi sagrifiċċji jew penitenzi.

- Bħala frott tas-sawma jew sagrifiċċji tagħhom, il-Kattoliċi jagħmlu offerta favur il-foqra tad-dinja. Dawn l-offerti għandhom jitwasslu lill-Caritas direttament jew permezz ta' l-Uffiċċji Parrokkjali.

- F'kull knisja jew kappella fejn jinżamm Ġesù Sagramentat tiġi organizzata Ġurnata, jew għall-inqas Siegħa, ta' Esposizzjoni Ewkaristika li fiha jsir talb għall-paċi fid-dinja.

- Fil-knejjes fejn jiġu ċelebrati aktar minn quddiesa waħda, waħda minnhom tkun dik "Għall-Paċi u l-Ġustizzja"

10 ta' Diċembru 2001

# AWGURI TA' L-ISTAĠUN TAL-FESTI LILL-ISQFIJIET

Fl-okkażjoni tal-festi ta' żmien il-Milied u tal-bidu tas-Sena l-Ġdida, Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Mons. Isqof Annetto Depasquale nhar il-Ħadd, 30 ta' Diċembru 2001, filgħodu, se jkunu l-Palazz ta' l-Arċisqof, il-belt Valletta, biex jilqgħu lil kull min ikun jixtieq iżurhom għal bdil ta' l-awguri ta' l-istaġun. Il-ħin ikun mid-9.00 a.m. sa nofsinhar.

Minħabba l-limitazzjoni tal-ħin, nhar l-Ewwel tas-Sena filgħodu l-Isqfijiet se jkunu jistgħu jilqgħu biss lil dawk li jkunu talbu u jkun ingħatalhom appuntament.

Id-diriġenti ta' istituzzjonijiet, korpi kostitwiti u organizazzjonijiet li fl-Ewwel tas-Sena jixtiequ jiltaqgħu ma' l-Isqfijiet bl-appuntament, huma mitluba jikkomunikaw minnufih mas-Segretarju Privat ta' l-Arċisqof għall-arranġament meħtieġ għal nhar l-Ewwel tas-Sena (Telefon: 234317 — Telefax: 223307).

10 ta' Diċembru 2001

# MESSAĠĠ TAL-MILIED 2001 minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca lill-Missjunarji Maltin

Għeżież saċerdoti, reliġjużi u lajċi Maltin li qegħdin taħdmu għall-Knisja bogħod mix-xtajtiet tagħna.

Nawgura mill-qalb, f'isem il-Knisja f'Malta, lilkom, lill-għeżież tagħkom u lill-kollaboraturi tagħkom, Milied Qaddis u Sena ta' Barka u Sliem.

Bħas-soltu nieħu din l-opportunità biex naqsam magħkom uħud mill-esperjenzi li għaddejna minnhom matul is-sena. Nirringrazzjaw dejjem lill-Mulej Alla għall-barkiet li għoġbu jxerred fuqna, fuq artna u fuq il-ħidmiet tagħna lkoll.

It-tielet millennju għalina l-Maltin fetaħ biċ-ċerimonja tal-beatifikazzjoni ta' l-ewwel tliet Beati Maltin mill-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II f'artna stess: Dun Ġorġ Preca, il-Kjeriku Nazju Falzon u Swor Marija Adeodata Pisani. Din kienet ġrajja ta' ferħ qaddis għalina l-Maltin kollha, aħna fejn aħna. Tgawdiet ukoll, permezz tat-TV u l-Internet, minn ħafna Maltin li qegħdin jgħixu bogħod minn artna.

Din il-ġrajja nisslet ferħ, l-aktar għaliex bosta huma l-Maltin li għadhom jiftakru lil Dun Ġorġ, fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM), u li xorbu l-ewwel tagħlim tal-katekiżmu minn dawk imrawwma minnu. Ħafna wkoll huma l-Maltin li semgħu bil-ħajja ta' qdusija ta' Nazju Falzon, li kien minn ta' quddiem fit-tagħlim tal-katekiżmu, fil-ħidma ta' l-apostolat tal-lajċi u fit-tixrid ta' l-ispirtu ekumeniku. L-istess ħafna huma dawk li qraw dwar Swor Adeodata Pisani, li ċaħħdet mil-lussu tan-nobiltà u ppreferiet li tagħti kollox lill-fqar u tgħix il-ħajja tal-klawsura.

Din is-sena tatna wkoll Isqof Malti ieħor: Patri Robert Camilleri OFM, li għadda ħajtu jaħdem fil-Honduras; Superjur Ġenerali ġdid tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, Patri Bernard Mangion; u, għal darb'oħra, Superjura Ġenerali Maltija tas-Sorijiet ta' St Joseph, Swor Bernadette Galea. Inġeddu l-awguri tagħna lilhom ilkoll.

Matul din is-sena ngħaqadna fir-ringrazzjament lil Alla għall-grazzja ta' ħamsin sena saċerdozju ta' Dun Claude Borg M.S.S.P. li għadda il-

biċa l-kbira tas-saċerdozju tiegħu jieħu ħsieb l-emigranti tagħna fl-Awstralja.

Ma' dawn il-mumenti ta' ferħ ġarrabna wkoll mumenti ta' tħassib għal ħutna saċerdoti u reliġjużi li qegħdin jaħdmu fl-Indja, il-Pakistan, l-Iżrael, il-Palestina u f'xi pajjiżi ta' l-Afrika. It-talb tagħna għalihom ma naqasx.

Ammirajna wkoll il-lista ta' Maltin u wlied il-Maltin li ngħaqdu ma' Ordnijiet Reliġjużi li ma jeżistux f'artna. Nifirħulhom u nassiguraw lil dawk li ma nafuhomx, li nieħdu gost insiru nafu bihom.

Kelma ta' l-aħħar. Qiegħed nibgħat dawn l-awguri tiegħi u tas-Segretarjat għas-Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi li qegħdin jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna, fil-jiem li fih qed issir it-tieni sessjoni tas-Sinodu Djoċesan. Aħna qegħdin inżommukom f'moħħna. Nitlobkom iżżommu lilna u s-Sinodu fit-talb tagħkom.

Nitlob lill-Mulej biex jagħti lilkom, lill-ħidmiet tagħkom u lill-għeżież li ħallejtu warajkom hawn Malta, Milied Qaddis u Sena Ġdida ta' Barka mis-Sema.

✠ **Ġużeppi Mercieca,**
Arċisqof ta' Malta
19 ta' Diċembru 2001

# DISKI ĠODDA B'GĦANJIET TA' ŻMIEN IL-MILIED

Is-Segretarjat tal-Liturġija tal-Knisja f'Malta ħareġ żewġ Compact Discs b'għanjiet, ħafna minnhom ġodda, ta' żmien l-Avvent u l-Milied.
L-idea ta' dawn is-CDs nibtet minn dak li qalu l-membri tal-Knisja fil-konsultazzjoni li saret magħhom fl-ewwel fażi tas-Sinodu Djoċesan. Ħafna nies urew ix-xewqa li jaraw tiġdid fil-liturġija tal-Knisja f'Malta. Issuġġerew ukoll li jinkitbu innijiet ġodda li jinkuraġġixxu s-sehem tal-poplu u jagħmlu ċ-ċelebrazzjoni tal-Knisja iżjed ferrieħa.
Iż-żewġ CDs il-ġodda se jkunu l-ewwel minn sensiela li s-Segretarjat tal-Liturġija qed jippjana għall-ġejjieni.
L-awturi li kkontribwew biex saru l-innijiet il-ġodda huma Dun Frans Camilleri, Arnold Cassola, Dun Karm Farrugia, il-Prof Oliver Friggieri u Patri Alfons Sammut OFM Konv.
Il-mużika hija ta' Patri Albert Borg OSA, Mro Dione Buhagiar, Dun Karm Scerri u kompożituri barranin.
Is-CDs jistgħu jinkisbu mill-Kurja ta' l-Arċisqof (Dun Jesmod Manicaro jew Ms Odienne Magro) u mill-ħwienet li jbigħu d-diski.

19 ta' Diċembru 2001

# PREŻENTAZZJONI TAN-NUNZJU L-ĠDID

Fl-okkażjoni tal-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Nunzju Appostoliku f'Malta, Mons Arċisqof Luigi Conti nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru 2001, se jiċċelebra Quddiesa Solenni fil-KonKattidral ta' San Ġwann, fil-5.30pm. Għal din iċ-ċelebrazzjoni hu mistieden kulħadd, speċjalment l-operaturi pastorali u l-membri ta' l-għaqdiet u l-movimenti reliġjużi.

19 ta' Diċembru 2001

# MESSAĠĠ
# Ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca lill-emigranti fl-okkażjoni tal-Milied 2001

## Protagonisti ta' l-Imħabba Nisranija

Għeżież ħutna emigranti. Il-Milied it-Tajjeb lilkom ilkoll.

Il-bniedem tal-lum, speċjalment il-bniedem li qed jgħix f'soċjetajiet industrijalizzati, jinsab assedjat minn propaganda qawwija u fitta li timbuttah iħares lejn il-flus u l-ħajja komda bħallikieku dawn huma l-qofol u l-ġieħ ta' ħajtu.

Li l-bniedem ikun ħabrieki fix-xogħol u jirsisti biex ikollu l-mezzi meħtieġa ħalli jkun jista' jgħix ħajja aħjar, m'hemm xejn ħażin fih innifsu. Anzi, huwa minn ewl id-dinja li l-bniedem ifittex li jimxi 'l quddiem. Madankollu, l-istorja tieħu xejra differenti jekk, f'dan l-impenn tiegħu, il-bniedem jinsa li x-xogħol huwa għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol. Meta jiġri hekk, il-bniedem jista' jispiċċa biex ma jibqax jirsisti biex ikollu, per eżempju, ħin biżżejjed għall-ħajja tiegħu reliġjuża, familjari u soċjali.

Dan mhux ħaġa tajba, għaliex mhux skond il-pjan ta' Alla għall-bniedem.

Lill-bniedem Alla ħalqu għalih. Tah dinjità speċjali. Jistenna li l-bniedem jgħix ta' bniedem, mhux jispiċċa jgħix qisu kien xi robot jew magna.

## L-ispirtu tal-Milied

Żmien il-Milied, li huwa żmien speċjali li jgħinna nnaqqsu ftit mir-rankatura tal-ħajja ta' kuljum, jgħinna wkoll biex nirriflettu fuq jekk f'ħajjitna aħniex inħallu ħin biżżejjed għal Alla, għad-doveri tagħna fil-familja u fil-komunità, kif ukoll għall-mistrieħ personali meħtieġ.

Dan il-mod ta' kif inħarsu lejn il-Milied huwa importanti ħafna. Inkella jista' jiġrilna li l-ġirja għall-flus u l-ħajja komda twassalna biex nibdew naħsbu li l-Milied ifisser biss xinxilli, xiri u divertiment.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li l-Milied huwa żmien ta' grazzja kbira.

Il-Milied huwa żmien li jgħin lill-bniedem jitħabbeb mill-ġdid ma' Alla u mal-proxxmu – sakemm l-bniedem jifhem, jgħożż u jgħix l-ispirtu veru tal-Milied.

Dan l-ispirtu jsib għeruqu fi kliem l-anġli li, meta Ġesù Bambin twieled fil-faqar ta' għar ta' l-annimali f'Betlehem, kantaw 'Glorja lil Alla u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba'.

## L-inkwiet fid-dinja

Meta nsemmu l-paċi, il-lum jiġina f'moħħna ta' bilfors l-inkwiet li għaddejja minnu d-dinja bħalissa minħabba, fost ħwejjeġ oħrajn, il-pjaga tat-terroriżmu.

Meta nsemmu t-terroriżmu, fi ħsiebna tiġi dritt it-traġedja terribbli ta' Settembru li għadda fi New York.

Dakinhar, fil-gżejjer Maltin, imsammrin kif konna quddiem is-settijiet tat-televiżjoni naraw din it-traġedja tiżvolġi f'qerda tremenda ta' ħajja umana innoċenti u ħerba kbira, f'moħħna lkoll kien hemm il-persuni kollha ta' nisel Malti u Għawdxi li kienu jgħixu, jaħdmu jew iżuru dawk l-inħawi.

Tlabna għal kulħadd, mingħajr distinzjoni ta' nazzjonalità jew twemmin. Imma b'mod partikolari tlabna għal dawk kollha li għandhom demm Malti u għall-familji tagħhom, li bħalhom u magħhom kienu għaddejjin minn mumenti qawwija ta' prova u ta' qtigħ il-qalb.

Fl-istess ħin, bħall-bqija tal-popli l-oħra aħna bdejna nistaqsu lilna nfusna: x'iġiegħel lill-bniedem jasal biex iwettaq terrur terribbli ta' din ix-xorta, li saħansitra jista' jheżżeż il-paċi fid-dinja?

It-tweġiba nsibuha fil-ħażen li x-xitan jaħdem bla heda biex jiżra' f'qalb il-bnedmin u fost il-bnedmin, biex jaqtagħhom mill-imħabba ta' Alla u ta' xulxin.

Huwa għalhekk importanti li l-bniedem jirreżisti l-ħażen fil-forom kollha tiegħu.

## Il-mediċina għall-ħażen

Ġesù Bambin, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, jurina u jgħallimna li l-mediċina kontra l-ħażen u l-qerq tax-xitan hija l-imħabba. Ħajtu, ħidmietu u kliemu kienu, il-ħin kollu, ġrajja ta' mħabba.

Qalilna, ċar u tond, li l-akbar żewġ kmandament huma t-tnejn kmandamenti ta' mħabba: l-ewwelnett lejn Alla li ħalaqna u t-tieni lejn il-proxxmu tagħna.

Meta aħna nkunu fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, inkunu wkoll nies li jaħdmu għall-paċi permezz ta' l-imħabba.

Hu proprju dan li għandna bżonn fid-dinja ta' żmienna: paċi permezz ta' l-imħabba.

Dan jgħodd għal kulħadd. Jgħodd għall-mexxejja tal-ġnus u dawk li fuq spallejhom għandhom xi forma ta' tmexxija jew influwenza fuq ħaddieħor. Imma jgħodd ukoll għal kull wieħed u waħda minna, hi x'inhi l-pożizzjoni tagħna fil-ħajja tal-familja, tax-xogħol u tas-soċjetà.

Kulħadd hu msejjaħ biex ikun messaġġier tal-paċi permezz ta' l-imħabba. Kulħadd jista' jaħdem, fis-soċjetà u l-kultura fejn qed jgħix, biex ikun promotur tal-paċi permezz ta' l-imħabba.

Inħeġġiġkom, għeżież emigranti, speċjalment dawk fostkom li qed tgħixu f'soċjetajiet u kulturi fejn id-dawl ħelu u ħanin ta' l-imħabba ta' Ġesù Bambin spiss huwa assedjat mid-dwal artifiċjali ta' ħajja mgħaġġla materjali u konsumista, biex tkunu protagonisti ta' l-imħabba nisranija.

## It-triq tan-nisrani

In-nisrani li, mgħejjun mill-ispirtu tal-Milied, ikun irid jgħix tassew l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu li jitlob minna Ġesù Bambin, irid iħabrek biex jibqa' dejjem fit-triq tal-konverżjoni - tal-qalb u tal-moħħ.

Jiena nemmen li kull Malti u Għawdxi, hu fejn hu fid-dinja, li fih għad hemm ħaj il-wirt Malti tal-valuri nsara, iħoss il-bżonn u d-dover li bil-mod kif jitkellem u jgħix ikun xhud ta' l-imħabba bla tarf li Ġesù Bambin wera ma' l-umanità kollha meta sar bniedem bħalna biex jifdina mill-jasar tad-dnub.

Dan l-impenn, li jkebbes f'qalb il-bniedem fjamma dejjiema ta' ferħ speċjali li joffrilna Ġesù Bambin - ferħ li ma jistax jinxtara bil-flus - nawgurah lil kulħadd.

Nawgurah, b'mod partikolari, lil kull Malti u Għawdxi, hu fejn hu fid-dinja.

Jalla żmien il-Milied ikun għalina lkoll okkażjoni biex bħala ġens nikbru dejjem iżjed f'xhieda tal-valuri ta' l-imħabba, il-fraternità, is-solidarjetà u s-sliem.

Mill-ġdid, il-Milied it-Tajjeb lill-emigranti kollha u l-familji tagħhom.

✠ Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof ta' Malta

21 ta' Diċembru 2001

# ARĊIPRIETI ĠODDA FIS-SIĠĠIEWI U FL-ISLA

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nnomina lil Dun Albert Buhagiar bħala Arċipriet tal-Parroċċa tas-Siġġiewi u lil Dun Joseph Grech bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' l-Isla.

Dun Albert Buhagiar twieled Ħal Tarxien fid-19 ta' Awissu 1964 u ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Lulju 1993. Huwa ta servizz pastorali fil-parroċċi tal-Gżira, Żejtun, Wied il-Għajn u Ħal Luqa. Mill-1996 'il hawn kien ukoll Segretarju Privat ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Dun Joe Grech twieled il-Mosta fis-26 ta' April 1970 u ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1997. Fl-erba' snin li għaddew huwa ta servizz bħala Viċi-Parroku fil-Parroċċa ta' Bormla.

22 ta' Diċembru 2001

# MESSAĠĠ
# ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca
# għall-Milied 2001

## Il-Milied u l-għożża tal-ħolqien

Maħbubin ħuti, Maltin u Għawdxin,
Il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd.

Meta joqrob il-Milied, dawn ix-xewqat ta' Milied hieni jkunu fuq fomm kulħadd, kbar u żgħar. Il-ħajja donnha tilbes libsa ġdida ta' għaqda u ferħ: ingħattu l-widien tal-firda u nibagħtu lil xulxin kartolini u messaġġi b'ħafna xewqat ta' Milied tajjeb; nixtru rigali, norganizzaw laqgħat u ikliet u naħsbu wkoll biex b'ġenerożità nferrħu u ngħinu lil min jinħtieġ għajnuna speċjali.

## Drawwa antika

Fil-lejl tal-Milied, imbagħad, hija wkoll id-drawwa antika tagħna li nimlew il-knejjes għall-Quddiesa ta' nofs il-lejl, meta l-ħemda hija miksura biss mid-daqq tal-qniepen li jfakkruna fit-twelid ta' Ġesù Tarbija.

Tista' ssib min jgħidlek li din hija drawwa li drajna nirrepetuha kull sena, bla ma tħalli ebda marka, ebda effett fil-ħajja tagħna; hija bħal nar tat-tiben li dritt jivvampja u malajr jintefa u jsir irmied.

Jiddispjaċina li jiġri dan. Madankollu, din id-drawwa hija waħda tajba u jeħtieġ li nżommuha u ngħadduha lil uliedna. Hija drawwa li tfakkarna fil-verità li l-bniedem, hu min hu, minkejja kull xorta ta' dgħufija u nuqqasijiet tiegħu, għandu wkoll it-tajjeb tiegħu li għalkemm forsi jkun jinsab mirdum, ma jinqered u jmut qatt.

## Nafu li Alla ma jabbanduna qatt lill-bniedem.

Il-bniedem jista' jitbiegħed minn Alla, iżda Alla ma jitbiegħed qatt minna. Huwa dejjem jiġri warajna u joffrilna okkażjonijiet biex iqajjem it-tajjeb li hemm moħbi u sieket fina, u ninġibdu lejh biex jagħmilna nies ġodda, skond il-qalb tiegħu.

Id-drawwa tagħna fi żmien il-Milied hija okkażjoni oħra meta Ġesù Tarbija jiġbidna lejh u jgħinna nħossu li qed jitlobna nilqgħuh ġewwa qalbna, u hekk jgħinna nsiru nies ġodda.

## Wara l-Milied

Żgur li ħadd minna ma jrid isabbat il-bieb ta' daru, ta' qalbu f'wiċċ Ġesù Tarbija u jħallih barra fl-għera u l-kesħa. Madankollu, ta' min jistaqsi: għaliex meta nfakkru t-twelid ta' Ġesù Tarbija nifirħu u nżejnu djarna u nidhru nies li nħobbu l-għaqda u lil xulxin, imma mbagħad, malli jgħaddi żmien il-Milied, nerġgħu lura għall-ħajja ta' qabel? Għaliex malli jgħaddi l-Milied spiss nerġgħu ninħakmu mis-suppervja, għira, mibegħda, piki, nuqqas ta' rispett, nuqqas ta' maħfra u tant dnubiet oħra?

It-tweġiba hija waħda: lil Ġesù m'aħniex infittxuh fejn verament qiegħed.

Ħafna drabi, l-attenzjoni, it-tħabrik u l-preokkupazzjoni tagħna fi żmien il-Milied huma meħudin kważi għal kollox mill-konsumiżmu sfrenat li qed jaħkimna u ijassarna. Aktar ikun jimpurtana x'se nagħmlu, x'se nilbsu, x'se nieklu, fejn u ma' min sejrin fi żmien il-Milied, milli biex nirringrazzjaw lil Alla u nifirħu talli tana lil Ibnu l-Waħdieni biex ikun il-Ħabib tagħna u Ħuna l-Kbir.

F'kelma waħda, Ġesù mhux qed ikun il-mistieden ewlieni tagħna. M'aħniex nilqgħuh tassew f'qalbna.

Inkunu nilqgħu lil Ġesù meta nħalluh jidħol f'qalbna u, bl-għajnuna tiegħu, insiru nies ġodda.

Mhux tajjeb li ninbidlu biss minn barra, bħalma spiss jiġri fi żmien il-Milied. Dan nafu nagħmluh tajjeb. Iżda dak li għandna bżonn nagħmlu hu li ninbidlu għall-aħjar minn ġewwa. Dan ma nistgħux nagħmluh aħna waħidna. Dan jista' jagħmlu biss Alla, bil-koperazzjoni tagħna.

Insiru nies ġodda jfisser li nsiru nixbħu kemm jista' jkun lil Ġesù.

Insiru bnedmin ġodda jfisser li, akkost ta' kull sagrifiċċju u tbatija, ngħixu u naħdmu flimkien, nagħdru u naħfru lil xulxin, ngħixu l-kobor u l-qdusija taż-żwieġ, naħarbu l-gideb u l-qerq u nagħmlu — u nidhru li qed nagħmlu — ġustizzja ma' kulħadd, b'responsabbiltà sħiħa.

Insiru nies ġodda jfisser li nikkoperaw ma' Alla fl-imħabba u l-għożża tiegħu għall-ħajja umana u ma nitgħabbew qatt bid-dnub gravi ta' nuqqas ta' rispett lejn il-ħajja umana, li tant drabi qed tinqered bil-qtil jew bl-abort.

Inkunu bnedmin ġodda jitlob minna, fost ħwejjeġ oħrajn, li ma nieqfu

qatt insemmgħu leħinna kontra kull ħaġa li thedded il-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem — bħalma jiġri bil-vizzju tad-droga, l-alkoħol, it-tipjip, is-sewqan addoċċ, in-nuqqas ta' sigurtà xierqa fuq il-post tax-xogħol, u b'ċerti riskji esaġerati fl-isport jew fir-rikreazzjoni.

## Il-ħolqien u l-ambjent

Il-Milied ifakkarna wkoll fil-post fejn Marija u Ġużeppi qegħdu lil Ġesù Tarbija.

Il-post kien maxtura f'għar tal-bhejjem.

Ċertament, ma kienx kumbinazzjoni li Alla, Sid il-Ħolqien kollu, għażel li jitwieled f'għar, fejn kienu jistkennu l-bhejjem.

Jiena naħseb li nistgħu ngħidu li Alla għażel li jitwieled f'għar u f'ambjent bħal dan biex jurina li għal Alla m'hemm xejn fil-ħolqien li mhux sabiħ, għażiż, siewi u importanti.

Dan jitlob minna, għalhekk, li nagħrfu li Alla afda f'idejna d-dinja u l-ħlejjaq kollha biex nieħdu ħsiebhom sewwa u b'responsabbiltà. Alla jrid li nużawhom dejjem għas-servizz u l-ġid tal-bniedem.

Li nkunu nies ġodda, għalhekk, jitlob ukoll li, barra l-imħabba u l-għożża għall-bniedem, irridu nieħdu ħsieb ukoll l-ambjent li qed ngħixu fih. Hawn ukoll hija meħtieġa bidla minn ġewwa, għall-aħjar.

Jiena nistenna li fostna jkollna sensittività akbar dwar il-ħsara li ssir lis-saħħa tal-bniedem minn dħaħen esaġerati minn vetturi.

Inweġġa' meta nsir naf b'atti ta' vandaliżmu li jagħmlu ħsara lil proprjetà privata jew pubblika, inkella lil wirt naturali jew storiku ta' pajjiżna.

Nixtieq ukoll nistaqsi:

Għaliex naraw tant nuqqas ta' koperazzjoni fil-miżuri li jittieħdu biex titnaqqas il-ħsara lill-ambjent komuni li ngħixu fih?

Inħossuna żguri li qed nieħdu l-miżuri kollha li nistgħu nieħdu biex nassiguraw li l-poplu jibqagħlu wesgħat miftuħa u arjużi biżżejjed fejn ikun jista' jieħu n-nifs u jirrikrea ruħu?

Konvinti li mhux qed ikun hemm xi okkażjonijiet fejn il-flus jew il-vantaġġi ekonomiċi jistgħu jaqilbulna l-prijoritajiet ta' taħt fuq meta niġu biex niddeċiedu dwar ċerti proġetti jew inizjattivi?

Ċirkustanzi bħal dawn juruna kemm hu importanti l-bżonn li nilqgħu f'qalbna lil Ġesù, biex bil-grazzja u l-qawwa tiegħu ninbidlu minn ġewwa u nieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex inħarsu l-ambjent komuni li ngħixu fih minn kull riskju ta' ħsara.

## L-ispirtu tal-Milied

Jalla l-ispirtu tal-Milied jgħinna nilqgħu tassew lil Ġesù f'qalbna u, bħala nies ġodda, nikbru dejjem iżjed fl-għożża tal-ħajja, tas-saħħa u tal-ħolqien kollu bl-istess imħabba li jħobbhom il-Ħallieq.

Jalla wkoll dan l-ispirtu jkattar fina l-ferħ u l-paċi li joffrilna Ġesù Bambin mill-maxtura fqajra li fiha tqiegħed meta niżel f'din id-dinja biex isalvana.

Dan nixtiequ lil kulħadd. Nixtiequ b'mod speċjali:

■ lit-tfal, li għandhom dritt għal trobbija mill-ġenituri tagħhom flimkien, f'familja magħquda u mibnija skond ir-rieda tal-Mulej;

■ liż-żgħażagħ, li jridu jissieltu mad-deni ta' stili ta' għajxien spiss maħkuma minn idoli foloz bħalma huma l-kultura tal-flus, il-materjaliżmu u l-permissività;

■ lill-ġenituri, li biex jirbħu l-isfidi tad-dinja ta' żmienna jinħtieġu ħafna qawwa nisranija u sens ta' sagrifiċċju;

■ lill-anzjani, lill-morda u lill-persuni b'diżabilità, li tant jinħtieġu l-wens ħelu ta' Ġesù Bambin;

■ lill-emigranti u lir-refuġjati, li spiss jiddependu ħafna mis-solidarjetà tal-proxxmu.

Nixtieq il-Milied it-Tajjeb b'mod speċjali wkoll lill-aħwa fil-ħabs u lill-familji tagħhom, lill-vittmi tal-vjolenza jew ta' l-inġustizzja, lill-imġarrbin, lil min qed jgħix jew iħossu waħdu jew imwarrab, u lil kull min b'xi mod qed ibati xi inġustizzja jew għandu qalbu mtaqqla.

Il-paċi qaddisa ta' Ġesù Tarbija tkun magħkom ilkoll.

Mill-ġdid, il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd.

✠ Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof ta' Malta

24 ta' Diċembru 2001

# L-ARĊISQOF JITLOB GĦALL-PAĊI FL-ART IMQADDSA

Fil-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamel talba għall-paċi fl-Art Imqaddsa.

Fl-omelija tiegħu fil-Quddiesa li ċċelebra fil-Kattidral ta' l-Imdina, Mons. Arċisqof ħeġġeġ lill-membri tal-Knisja f'Malta biex jingħaqdu miegħu f'talba speċjali għall-paċi fid-dinja, inkluż fl-Art Imqaddsa, li fiha seħħ il-misteru tat-twelid ta' Ġesù, il-Feddej tal-Bniedem.

Filwaqt li tenna s-solidarjetà tal-Knisja f'Malta ma' kull min qed ibati, hu min hu u hu fejn hu, Mons. Arċisqof qal:

"F'diversi partijiet tad-dinja għadhom jeżistu t-tbajja' u t-tbatijiet koroh tat-tensjoni, vjolenza u konflitti. Il-Palestina, l-art li fiha twieled Ġesù, il-Prinċep ta' l-Imħabba u l-Paċi, għadha tokrob fit-tama li teħles darba għal dejjem mit-tixrid tad-demm u l-vjolenza. Quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn, aħna l-Insara għandna d-dover li nxandru b'leħen qawwi il-messaġġ tal-paċi li ħareġ mill-grotta ta' Betlem dakinhar li Marija ħaddnet magħha għall-ewwel darba lil Ġesù Tarbija.

Inħeġġiġkom ilkoll tingħaqdu miegħi f'talba ħerqana lil Alla biex l-enerġija straordinarja ta' mħabba u paċi li Ġesù offra lill-umanità sa mill-ewwel nifs tiegħu bħala tarbija fil-maxtura ta' Betlem, trażżan u twarrab il-mibegħda u l-għatx għat-tpattija li spiss jaħkmu f'qalb il-bniedem.

Nitolbu wkoll lil Alla biex jgħin lil kull min qed imexxi l-popli li jinsabu f'konflitt ħalli jagħraf li t-triq lejn il-paċi vera u dejjiema tista' tinstab biss permezz tad-djalogu ġenwin imħeġġeġ minn ħerqa sinċiera għall-ġustizzja u mis-sentimenti fejjieda tal-ħniena u l-maħfra.

Jalla l-Mulej jgħin lill-bnedmin kollha jaħdmu ġenwinament biex il-ħażen jintrebaħ mit-tjubija u l-imħabba."

25 ta' Diċembru 2001

# MESSAĠĠ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għal Jum il-Paċi 2002

## Ġustizzja u maħfra, fostna wkoll

Il-messaġġ tal-Papa għall-Jum Dinji tal-Paċi għas-Sena l-Ġdida 2002 hu riflessjoni qawwija mibnija dwar il-ġrajjiet drammatiċi tal-11 ta' Settembru li għadda u li għadhom iqajjmu inċertezza u biża' ġdid dwar il-ġejjieni.

Quddiem din is-sitwazzjoni ta' qtigħ il-qalb, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħass li l-messaġġ tiegħu għandu jkun messaġġ qawwi ta' tama u rebħa fuq l-ispirtu tal-ħażen. Il-Papa jfakkarna li l-grazzja ta' Alla għandha l-kapaċità li tibdel id-dinja minn waħda maħkuma mill-qawwa tal-ħażen, għal waħda fejn trieġi tassew il-paċi vera.

Meta l-bniedem iħossu mweġġa' minħabba xi inġustizzja, jispjega l-Papa, il-bniedem ikollu bżonn iżomm quddiem għajnejh li s-sisien għall-bini mill-ġdid ta' paċi vera jridu jkunu l-ġustizzja u dik ix-xorta partikolari ta' mħabba li nsejħulha maħfra.

Li f'ċirkustanzi ta' ġlied u qtil ta' ħafna nies innoċenti, bħalma għadu qed jiġri, titkellem dwar il-ġustizzja u l-maħfra, jinħass iebes u diffiċli. Madankollu, diskors bħal dan huwa neċessarju. Huwa diskors li jista' u għandu jsir. L-ewwel eżempju tahulna Ġesù, li ħafer lil min sallbu.

Li taħfer ma jfissirx li twaqqaf u timblokka l-kors tal-ġustizzja. Li taħfer ma jfissirx li twarrab fil-ġenb l-esiġenzi leġittimi li tirripara għall-ħsara li tkun saret. Il-maħfra titlob li l-ġustizzja tiġi mwettqa b'mod li twassal għal dik il-paċi u dik it-trankwillità, li mhumiex biss waqfien għal ftit taż-żmien mill-ġlied, iżda fejqan ta' kull ferita li tkun weġġħet qalb il-bniedem jew nazzjon. U biex jinkiseb dan ix-xorta ta' fejqan huwa neċessarju, indispensabbli, li l-ġustizzja kif ukoll il-maħfra jkunu flimkien: hekk tkun paċi vera mibnija fuq l-imħabba.

## Quddiem it-terroriżmu

Wieħed mill-akbar għedewwa li għandhom il-lum il-ġustizzja u l-

maħfra huwa t-terroriżmu internazzjonali, li hu veru delitt kontra l-bniedem, kontra l-umanità.

It-terroriżmu huwa mnissel mill-mibegħda u msaħħaħ mill-istmerrija għall-ħajja. L-id terribbli tiegħu tasal biex twettaq delitti li m'għandhom qatt jiġu tollerati jew skużati.

L-istampa hi wkoll agħar minn hekk. Jeżistu wkoll bnedmin li fl-għamad tagħhom jaslu biex jiddikjaraw lilhom infushom terroristi li qed jaġixxu f'isem Alla u jwettqu f'ismu vjolenza fuq vjolenza kontra l-proxxmu.

Terroriżmu bħal dan hu l-frott tal-fundamentaliżmu fanatiku. Dan it-terroriżmu huwa mibni fuq il-konvinzjoni li wieħed jista' jobbliga, jimponi, ukoll bi vjolenza fuq ħaddieħor, il-viżjoni tal-verità li huwa għandu. Imma dan huwa tort lil Alla nnifsu, li hu l-istess imħabba. Hu wkoll kontra d-dinjità tal-bniedem. B'dan il-mod, it-terroriżmu jistrumentalizza mhux biss il-bniedem, iżda wkoll lil Alla u jispiċċa jinqeda b'Alla għall-iskopijiet tiegħu.

Il-verità, jgħid il-Papa, ukoll meta naslu biex nagħrfuha, nagħmlu dan dejjem b'mod limitat li jista' jiġi perfezzjonat; iżda l-verità ma tista' qatt tiġi imposta fuq ħaddieħor għax tkun toffendi l-kuxjenza ta' ħaddieħor.

Fid-dinja jeżistu ħafna inġustizzji. Dawn l-inġustizzji, huma fejn huma, iridu jitfejqu. Mill-banda l-oħra ħadd ma jista' jġib skuża bl-inġustizzji biex iwettaq atti ta' terroriżmu. Għalhekk, li tirrikorri għat-terroriżmu bl-iskuża li taqbeż għall-fqir u għall-batut, huwa qerq u ngann.

Quddiem sitwazzjoni ta' terroriżmu, dak li għandna ninsistu fuqu lkoll huwa li kulħadd għandu d-dmir li jaħdem biex jitfejqu u jitneħħew l-inġustizzji, speċjalment dawk li jolqtu popli sħaħ.

Quddiemnett, f'dan l-impenn, għandu jkun hemm il-pajjiżi u l-popli li Alla pprovdielhom ħafna jew ippermetta li jkollhom influwenza jew saħħa iżjed minn ħaddieħor.

Wieħed jistenna, per eżempju, li l-istess pajjiżi u popli li ħassew il-bżonn li jingħaqdu biex, bi dritt, jiddefendu l-umanità mit-terroriżmu, juru l-istess ħeġġa u qawwa fil-ħidma meħtieġa biex, b'miżuri politiċi, diplomatiċi u ekonomiċi effettivi, titrażżan l-oppressjoni, tintrebaħ l-emarġinazzjoni u jseħħ it-tqassim ġust tal-ġid ta' umanità.

## Il-ħtieġa tal-maħfra

It-terroriżmu rridu niqfulu bil-ġustizzja, imsieħba mal-maħfra.

Ħadd fid-dinja ma jista' jiskuża t-terroriżmu; wisq inqas jippriedkah. Il-vjolenza tat-terroriżmu hija kontradizzjoni tal-fidi f'Alla, li ħalaq il-bniedem, iħobbu u jridlu l-ġid.

Dak li jrid Alla minna hu li lilu nħobbuh b'qalbna kollha; li aħna nħobbu lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna; u li naħfru lil ħaddieħor bħalma rridu li jaħfrilna Hu.

Xi jfisser li naħfru? Għaliex għandna naħfru?

Fil-messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji tal-Paċi, il-Papa jispjega li l-maħfra hija, fuq kollox, għażla personali, deċiżjoni tal-qalb li tmur kontra l-istint naturali li wieħed ipatti d-deni bid-deni.

Deċiżjoni bħal din trid tinbena fuq l-eżempju ta' l-imħabba ta' Alla, li minkejja d-dnubiet tagħna jiġbidna lejh.

Fl-istess ħin, daqskemm hu veru li l-maħfra, bħala att uman, hija fuq kollox inizjattiva personali, daqstant ieħor hu veru li l-individwi huma essenzjament bnedmin soċjali li jridu jgħixu flimkien f'nisġa ta' relazzjonijiet li permezz tagħhom, tajjeb jew ħażin, jesprimu lilu nfushom.

Għaldaqstant, ukoll l-istess soċjetà jkollha bżonn taħfer u taċċetta l-maħfra. L-idea nnifisha ta' soċjetà futura magħġuna fil-ġustizzja u s-solidarjetà, irid ikollha għeruqha fil-ħila tal-bniedem li jaħfer u li jaċċetta l-maħfra. Bħalma l-iżvilupp, biex iseħħ, jinħtieġ il-paċi, hekk ukoll il-paċi vera tista' tinkiseb biss bil-maħfra.

F'għajnejn id-dinja, il-maħfra tista' tidher dgħufija. Imma l-maħfra titlob qawwa spiritwali kbira u kuraġġ morali distint, kemm fl-offerta tal-maħfra kif ukoll fl-aċċettazzjoni tagħha. B'xi mod, li noffru jew naċċettaw il-maħfra jista' jidher ħaġa li ċċekkinna. Imma fil-verità, l-offerta u l-aċċettazzjoni tal-maħfra jmexxuna lejn umanità iktar għanja u iktar sħiħa, imsebbħa wkoll bid-dija tal-Ħallieq.

## Il-maħfra f'pajjiżna

Il-Papa jsemmi li l-ministeru tiegħu fis-servizz tal-Vanġelu jobbligah, u fl-istess ħin jagħtih il-qawwa, li jinsisti fuq il-ħtieġa tal-maħfra.

Bħala Ragħaj Spiritwali tal-Knisja f'Malta jiena għandi l-istess dmir.

Huwa tajjeb li l-poplu tagħna jkun fuq quddiemnett fost il-popli ta' rieda tajba li b'saħħa kbira qegħdin jirsistu u jinsistu li l-fejqan tal-pjagi fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin fid-dinja jista' jinikiseb biss bil-ġustizzja u l-maħfra.

**Madankollu, dan mhux biżżejjed.**

Jekk irridu li din l-għajta tagħna bħala poplu fix-xena internazzjonali jkollha s-saħħa li nixtiequ li jkollha, irridu nieħdu ħsieb li qabel xejn inħaddmu l-ġustizzja u l-maħfra fostna stess — fl-ambjent politiku nazzjonali tagħna; fl-organizazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u l-għaqdiet tagħna; fuq il-postijiet tax-xogħol; fl-oqsma soċjali, kulturali jew sportivi; fil-familja; u kull fejn jiltaqgħu jew jgħixu flimkien il-bnedmin.

Ejjew inkunu lkoll u dejjem bennejja tal-ġustizzja kif għallimhielna l-Imgħallem Divin.

Ejjew inkunu lkoll xhieda denji tal-maħfra li għallimna l-Iben ta' Alla meta fl-aħħar nifs tiegħu bħala bniedem talab lill-Missier, tant għani fil-ħniena, biex jaħfer lil dawk li sallbuh għax ma kenux jafu x'inhuma jagħmlu.

Ejjew nifthu qalbna għall-grazzja ta' Allla, li għandha l-qawwa li tiftaħ il-bibien għall-paċi u s-solidarjetà bejnietna lkoll, minkejja kull firda u nkwiet.

Ejjew, ilkoll flimkien, bħal San Franġisk, nitolbu 'l Alla jagħmilna strument tal-paċi tiegħu.

Quddiesa ta' Jum il-Paċi 2002
KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta
31 ta' Diċembru 2001

# APPLIKAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

L-applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Malta fil-klassijiet Kindergarten, Pregrade u Year 1, fis-sena 2002 se jkunu f'Ċentru wieħed: is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura Nisranija, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana. Il-kriterji ta' l-għażla se jibqgħu kif kienu fl-aħħar snin, jiġifieri: aħwa fl-istess skola, tfal mid-Djar tal-Knisja, tlett itfal f'kull klassi minn familji fi bżonnijiet speċjali, u l-bqija bil-polza.

Skond is-sistema li ġiet introdotta fl-1995, għal kull tifel u tifla se ssir applikazzjoni waħda biss. F'din l-applikazzjoni, il-ġenituri jindikaw il-preferenzi tagħhom dwar f'liema skola jixtiequ jdaħħlu lil uliedhom. Wara t-tlugħ tal-polza, it-tfal jitqegħdu fl-iskejjel skond l-ordni li jkunu telgħu, skond il-postijiet disponibbli f'kull skola u skond il-preferenza tal-ġenituri.

Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet se jkunu jistgħu jinkisbu mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, fl-14 u l-15 ta' Jannar 2002, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sa l-4.00 p.m.

Id-dati li fihom l-applikazzjonijiet ikunu jridu jiġu ppreżentati, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, jitħabbru mal-ħruġ tal-formoli ta' l-applikazzjoni.

Għall-iskejjel Kindergarten se jkunu jistgħu japplikaw tfal imwielda fl-1999, għall-Pregrade tfal imwielda fl-1998, u għal Year 1 tfal imwielda fl-1997.

7 ta' Jannar 2002

# IL-KAPPILLANI JIDDISKUTU L-KNISJA U S-SOĊJETÀ MALTIJA

Mons. Isqof Annetto Depasquale, bejn il-Ħadd 13 u l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2002 se jingħaqad ma' 66 Kappillan tal-Parroċċi ta' Malta f'*live in* fis-Seminarju, tal-Virtù, li fih se jiddiskutu r-rwol tal-Knisja fis-soċjeta' Maltija.

Fl-ewwel jum tal-*live in,* id-diskussjoni se tiffoka fuq is-sekularizazzjoni f'Malta mil-lat ta' x'juru r-riċerki, mill-aspett kulturali u f'kontest ta' etika u komunikazzjoni.

Fit-tieni jum, id-diskussjoni se tkun dwar l-Ewropa, is-soċjetà Maltija u l-Knisja Maltija.

Fit-tielet jum il-Kappillani se jitkellmu dwar il-ħidma tagħhom flimkien.

12 ta' Jannar 2002

# ITTRA ta' Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta lill-Familji Maltin

## Imħabba u Ħajja

Għeżież Familji Maltin,

Issa għaddew 25 sena minn meta jiena ġejt imsejjaħ mill-Papa biex nagħti servizz bħala Arċisqof, fl-Arċidjoċesi ta' Malta.

F'din l-okkażjoni, jiena ħassejt li għandi nikteb lilkom, lil kull familja Maltija, din l-ittra bil-ħsieb li nkompli nħeġġiġkom tikbru dejjem iżjed fil-qdusija. Dan ikun ukoll l-akbar kontribut li jista' jingħata lis-soċjetà tagħna.

Nixtieq nibda billi nirrakkuntalkom l-esperjenza li smajt ta' omm miżżewġa.

Din l-omm spjegat lil ħbiebha kif, meta twieldet l-ewwel tarbija tagħha, iddeċidiet li tħalli l-karriera biex tkun tista' tiddedika lilha nfisha kompletament għat-trobbija ta' wliedha.

L-omm spjegat lil ħbiebha, b'ħafna ħeġġa u konvinzjoni, li meta wliedha bdew imorru l-iskola, hija kienet tieħu ħsieb li tarahom sejrin u li tkun dejjem id-dar meta jerġgħu lura.

Kienet ukoll, flimkien ma' żewġha, tqatta' ħafna ħin ma' wliedha kemm fil-ħin ta' l-istudju, kif ukoll tal-mistrieħ.

Kien hemm min qal lil din l-omm, li fid-dinja tal-lum mhux possibbli li l-mara, għax tiżżewweġ, titlaq il-karriera tagħha biex tibqa' ma' wliedha għal bosta snin. Kien hemm min qal ukoll li m'għadux iż-żmien li l-mara tibqa' d-dar. Kien hemm min argumenta wkoll li l-lum, jekk il-mara ma toħroġx taħdem, il-familja diffiċli jkollha livell xieraq ta' għajxien u dar mimlija.

Bi tbissima fuq fommha, l-omm wieġbet lil kulħadd b'sentenza waħda. Hija qalet: "Min ipartat il-ħajja ma' l-ulied żgħar, mal-karriera, ma jafx x'qed jitlef."

L-esperjenza ta' din l-omm laqtitni. Naturalment, in-nisa jixraq u għandu jkollhom opportunità li jimxu 'l quddiem, fil-karriera u fis-soċjetà, daqs l-irġiel. M'għandux ikun hemm differenza. Fl-istess ħin, hu mistenni

li l-mara li ssir omm tagħraf dawk id-dmirijiet li din ir-realtà, mill-istess natura tagħha, tqiegħed fuq spallejha, speċjalment rigward l-ulied li jkunu għadhom żgħar.

## Qabża kbira

Fil-25 sena li għaddew, Malta għaddiet minn ħafna ġrajjiet u tibdil ta' forom diversi. Hemm qabża kbira bejn kif konna ngħixu 25 sena ilu u kif qed ngħixu l-lum. Inbidlu l-istil u l-kwalità tal-ħajja. Inbidlu wkoll ċerti mentalitajiet u attitudnijiet.

Dawn il-ġrajjiet u dan it-tibdil kellhom ukoll il-marka tagħhom fuq iż-żwieġ u l-familja. Infatti, hawn min iħares lejn il-mudell nisrani taż-żwieġ u l-familja bħallikieku kien xi ħaġa li għadda żmienu.

Insibu wkoll li ħdejn il-mudell tal-familja Maltija kif nafuha aħna, nibtu u qed jiżdiedu mudelli oħra li mhumiex skond il-pjan ta' Alla għall-bniedem u għalhekk ma jistgħux ikollhom il-barka jew l-inkuraġġiment tal-Knisja Kattolika.

Madankollu, it-tajjeb u s-sabiħ mhux nieqes. Minkejja kollox, ħarsa lejn il-familja Maltija tal-lum turina malajr li għad hemm ħafna li jqawwi l-qalb fost il-familji tagħna.

In-numru ta' familji tajba u tassew magħquda li għandna f'pajjiżna huma teżor kbir li jiddistingwina u jagħmlilna ġieħ quddiem id-dinja.

Il-fatt innifsu li l-maġġoranza l-kbira tal-miżżewġin ġodda tagħna għadhom ifittxu ż-żwieġ sagrament, juri li l-għeruq tal-familja Maltija għadhom għeruq insara.

Ninnota wkoll, b'sens kbir ta' tama u kuraġġ, li minkejja l-pressjonijiet u d-diffikultajiet kollha li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom, il-ġenituri żgħażagħ tagħna għadhom ifittxu u jħabirku li jtellgħu lil uliedhom skond it-tagħlim ta' Kristu u l-Knisja tiegħu.

Mill-banda l-oħra, problemi hemm ukoll.

## Ġenituri responsabbli

Il-miżżewġin tal-lum tiltaqgħu ma' ħafna tensjonijiet. Ħafna minnkom, per eżempju, tibdew il-ħajja taż-żwieġ mgħobbijin bil-piż tqil ta' ħafna djun, spiss imħeġġa mill-pressjonijiet tal-mod kif qed ngħixu fi żmienna, ikkargati wkoll mill-mentalità perikoluża ta' ikseb u gawdi l-lum, u ħallas għada.

Hemm koppji li jafu jkunu ekwilibrati u jħaddmu għaqal kbir meta jiġu biex jagħżlu x'għandu jiġi l-ewwel fil-ħajja miżżewġa. Koppji bħal dawn jirnexxilhom jippjanaw tajjeb u jimxu dejjem skond sa fejn ikunu jwasslu l-mezzi tagħhom. Iżda hemm koppji oħrajn li jingidmu u jidħlu għal piżijiet li, maż-żmien, aktarx li jħarbtulhom il-ħajja tagħhom flimkien għax jgħaffġuhom taħthom jew iwassluhom biex ikollhom joqogħdu jiġru minn xogħol għal ieħor bla ma jibqagħlhom ħin xieraq għal xulxin.

Esperjenzi koroh bħal dawn, li jafu jfarrku żwieġ, inisslu wkoll deni ieħor. Jiġri wkoll, infatti, li ż-żgħażagħ li jkunu resqin lejn iż-żwieġ, meta jaraw lil uħud minn ta' qabilhom jitfarrku b'dan il-mod, jibdew jibżgħu jiżżewġu.

Dan m'għandux ikun. Il-koppji żgħażagħ m'għandhomx jibżgħu miż-żwieġ. Li għandhom jagħmlu l-koppji żgħażagħ, bl-għajnuna tal-kbar, hu li jagħrfu jħaddmu sens ta' bilanċ u prijoritajiet mibni fuq l-għarfien li huma l-imħabba u l-għaqda dejjiema ta' bejniethom li jgħoddu l-iżjed, mhux id-dar mimlija u mgħammra b'kollox. Id-dar trid tkun. Imma jrid ikun hemm distinzjoni tajba bejn dak li hu tassew meħtieġ u possibbli, u dak li mhux; bejn dak li jiġi l-ewwel u dak li l-familja tkun tista' tgħaddi mingħajru.

X'hemm isbaħ minn familja li tagħraf li l-iktar ħaġa importanti u prezzjuża għaliha huma l-imħabba u l-għaqda fi ħdanha, flimkien ma' l-għożża sħiħa ta' l-ulied li l-Mulej jogħġbu jibagħtilha?

Meta raġel isir missier u mara ssir omm, ikun qed iseħħ l-ewwel u l-aqwa fatt bażiku fid-don ta' l-umanità.

Liema dar kbira jew mimlija, liema kumdità, liema karriera jistgħu jiġu mqabbla mas-sbuħija u l-valur imprezzabbli ta' tarbija ġdida f'idejn missier u omm, li għaliha jkunu lesti jagħmlu kull sagrifiċċju personali?

Il-ġenituri huma u jibqgħu l-ewwel u l-iktar edukaturi importanti ta' wliedhom. Il-ġenituri għandhom ukoll kompetenza fundamentali f'dan il-qasam: huma edukaturi għax huma ġenituri.

L-investiment li l-ġenituri jagħmlu fit-trobbija u l-kura tajba ta' l-ulied, skond ir-responsabbiltà komplimentari u esklussiva tagħhom, m'għandux prezz. Ma tista' tqabblu ma' xejn. Ċertament jisboq kull ġid materjali u kull suċċess f'karrieri.

L-istess soċjetà dan għandha tagħrfu, tapprezzah u ssostnih, għax minnu tgawdi hi wkoll.

## Propaganda qarrieqa

Id-dinja tal-lum hija maħkuma minn propaganda qarrieqa, dejjem iżjed qawwija, li turi t-taħlit barra ż-żwieġ (promiskwità), il-koabitazzjoni, l-infedeltà u l-adulterju bħala ħwejjeġ normali, ta' min jixtieqhom, inevitabbli u moderni. Madankollu, il-verità hi li mġibiet bħal dawn huma l-maqlub ta' dak li Alla, fl-imħabba kbira tiegħu għall-bniedem, fassal u ried għall-umanità.

Il-Mulej hu ħabib kbir taż-żwieġ u l-familja.

L-ikbar konferma ta' dan insibuha fil-fatt li, meta Alla ddeċieda li Ibnu l-Waħdieni jidħol fil-ġrajja u l-istorja tal-bniedem, huwa għażel li jagħmel dan permezz tal-familja.

Is-Sid tal-Ħolqien ġie fid-dinja permezz ta' familja mibnija fuq l-imħabba, l-għaqda, is-sabar u ċ-ċaħda personali biex jurina li Alla dan il-mudell irid għall-familji, mhux xi mudell jew mudelli fraġli prodott ta' ħajja laxka li twarrab dak kollu li jitlob impenn jew sagrifiċċju.

Alla l-Imbierek irid li l-għaqda fiż-żwieġ tkun waħda sal-mewt. Irid li l-koppja miżżewġa, speċjalment meta jaslu l-ulied, jgħixu ħajja ta' komplimentarjetà ġenwina u effettiva. Irid li l-missier u l-omm irabbu l-ulied id f'id, b'responsabbiltà sħiħa, f'rispett ħaj lejn is-sejħa naturali tagħhom bħala raġel u mara magħqudin flimkien.

Ngħiduha kif inhi. Kull fejn fid-dinja l-bnedmin ma jimxux skond dan il-pjan ta' Alla, it-tħarbit u d-deni jkun kbir u mifrux. Dawk li jbatu ma jkunux biss il-persuni involuti, speċjalment fejn ikun hemm it-tfal, imma wkoll is-soċjetà nnifisha. Jekk inħarsu lejn ċerti pajjiżi fejn iż-żwieġ sar qisu rabta ċoff jew fejn daħlet id-drawwa li l-koppji jgħixu flimkien bla ebda rbit, malajr nindunaw kemm dan hu veru.

L-istess ġrajja tal-bniedem turina li meta u fejn iż-żwieġ ma jibqax istituzzjoni soda, bil-mod il-mod fis-soċjetà jidħol ċertu mard li jherri saħansitra l-istrutturi soċjali li fuqhom tiddependi l-umanità.

## Fiduċja f'Alla

Il-ħajja taż-żwieġ u tal-familja mhix kollha ward u żahar. Inkwiet u intoppi jinqalgħu. Madankollu, nafu lkoll li l-koppji li, jiltaqgħu ma' xiex jiltaqgħu, ifittxu b'ġenwinità lil Alla, il-Mulej jgħinhom żgur.

Jiġri x'jiġri fil-ħajja, il-bniedem qatt ma jkun waħdu jekk hu jkun għaqli biżżejjed li jibqa' f'kuntatt ma' Alla.

Il-Mulej, fil-ħniena kbira tiegħu, qatt mhu se jonqos lill-bniedem li jfittex l-wens tiegħu f'mumenti li jkunu jinħtieġu ħafna sens ta' sagrifiċċju, ċaħda personali u maħfra.

Kull meta l-koppja ssib ruħha f'diffikultajiet, hija dejjem tista' tersaq lejn Alla u tfittex il-fejqan bis-saħħa ta' dak li għallimna Ibnu l-Waħdieni meta ħeġġiġna nitolbu lill-Mulej jaħfrilna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina.

Għeżież familji, taqtgħux qalbkom. Afdaw f'Alla.

Imxu fuq il-mudell u l-eżempju tal-Familja ta' Nazaret fil-mod kif iġġibu ruħkom ma' xulxin u fil-mod kif tħobbu u tgħożżu l-ħajja u t-tfal.

Ftakru dejjem li permezz tal-Familja Mqaddsa, Alla kkonfermalna li huwa jrid li l-familja tkun quddiemnett l-ewwel skola ta' kif bniedem ikun uman.

Marija, Omm l-Isbaħ Imħabba, u Ġużeppi, Protettur tal-Feddej, li kien x'kien is-sagrifiċċju meħtieġ dejjem baxxew rashom għar-rieda tal-Mulej, ikunu magħkom ilkoll u jħarsukhom f'kull mument ta' ħajjitkom. Nagħtikom il-barka pastorali tiegħi b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

✠ **Ġużeppi Mercieca**
Arċisqof ta' Malta
12 ta' Jannar 2002

# JUM IL-KARITÀ 2002

Fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 19 u 20 ta' Jannar 2002, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjocesi ta' Malta se ssir il-ġabra annwali għall-ħidmiet u Djar ta' Karità li l-Knisja għandha f'Malta.

Il-flus li jinġabru jitqassmu biex jiġu megħjuna, skond fejn l-aktar ikun hemm ħtieġa, id-diversi Djar u ħidmiet ta' Karità li l-Knisja f'Malta hija impenjata fihom. Fost dawn hemm id-Djar li jilqgħu tfal u żgħażagħ bla dar jew familja li tieħu ħsiebhom, is-Servizzi tal-Caritas Malta, id-Dar tal-Provvidenza, id-Djar għall-Anzjani, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, u t-Taqsima Refuġjati tal-Kummissjoni Emigranti.

Fid-Djar tal-Knisja għat-Tfal bħalissa hemm madwar 300 tifel u tifla. Il-Caritas qed toffri 22 servizz differenti u tilħaq mijiet ta' nies. Fid-Dar tal-Provvidenza hemm residenti 125 persuna b'diżabilità. Fid-Djar għall-Anzjani hemm 720 persuna. Is-Segretarjat Assistenza Soċjali jgħin lil ħafna nies bi problemi diversi u fil-bżonn. It-Taqsima Refuġjati qed tgħin lil madwar 270 ruħ, fosthom 45 tifel u tifla, minn 19-il pajjiż differenti.

Fl-istess jiem tad-19 u l-20 ta' Jannar, fil-knejjes kollha se jitqegħdu kaxxi fejn min jixtieq ikun jista' jqiegħed xi oggetti ta' ikel jew oġġetti oħrajn utli biex jitqassmu fost id-Djar għat-Tfal, għaż-Żgħażagħ u Persuni bi bżonnijiet speċjali, skond kif qed jiġi indikati lil kull Parroċċa.

Parti simbolika minn dawn l-offerti, flimkien mal-flus li jinġabru, jiġu offerti mill-Kappillani u rappreżentanti ta' kull Parroċċa lil Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca, waqt Quddiesa li se tiġi ċċelebrata fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar 2002, fis-6.00 p.m.

Jum Il-Karità jiġi organizzat b'inizjattiva tal-Kunsill tas-Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità (Caritas).

# TALB GĦALL-GĦAQDA TA' L-INSARA

Is-Servizz Ekumeniku annwali li l-Kunsill Ekumeniku ta' Malta jorganizza fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara (18-25 ta' Jannar), din is-sena se jsir nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar, fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Liena, Birkirkara, fis-6.00 p.m.

Is-servizz idum siegħa. Kulħadd hu mistieden jattendi. Dawk li jieħdu sehem wara jkunu mistednin għal bibita.

Il-Kunsill Ekumeniku ta' Malta jiġbor fih rappreżentanti tal-Knisja Kattolika Rumana, il-Knisja Anglikana, l-Għaqda tal-Knisja Skoċċiża u l-Kongregazzjoni Metodista, il-Knisja Evanġelika tal-Ġermanja, u l-Knejjes Ortodossi.

14 ta' Jannar 2002

# VELJA TA' TALB GĦALL-PAĊI F'GĦAQDA MAL-PELLEGRINAĠĠ F'ASSISI

Lejliet il-Pellegrinaġġ ta' Talb għall-Paċi li se jsir f'Assisi b'inizjattiva tal-Papa, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nhar l-Erbgħa 23 ta' Jannar 2002 se jmexxi Velja ta' Talb għall-Paċi fil-Kattidral, l-Imdina. Il-Velja tibda fis-6.00 p.m. b'pellegrinaġġ qasir minn Bieb l-Imdina sal-Kattidral, fejn issir ċelebrazzjoni ta' talb. Għall-Velja ġew mistiedna wkoll, u se jieħdu sehem, mexxejja ta' komunitajiet reliġjużi oħrajn.

L-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta qed isejħu wkoll biex fit-22 ta' Jannar, fejn ikun possibbli, il-Parroċċi jorganizzaw pellegrinaġġ u laqgħa ta' talb għall-paċi, f'għaqda mal-Papa u mal-Velja tal-Knisja f'Malta. Il-parroċċi jistgħu jagħmlu dan għal rashom jew fi gruppi ta' parroċċi flimkien,

Il-Jum ta' Talb għall-Paċi f'Assisi se jsir nhar il-Ħamis, 24 ta' Jannar.

Il-Jum jibda b'Talba għall-Paċi mir-rappreżentanti tad-diversi reliġjonijiet fid-diversi postijiet f'Assisi li ġew magħżulin għal dan it-talb. Il-Papa jippresiedi t-talba ta' l-Insara, fil-Bażilika t'Isfel ta' San Franġisk ta' Assisi.

Fit-tieni parti ssir ċelebrazzjoni ta' Impenn Komuni għall-Paċi, fil-Pjazza t'Isfel ta' San Franġisk, f'Assisi. L-introduzzjoni ssir mill-Kardinal Francis Arinze, President tal-Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu Inter-Reliġjuż. Ikun hemm qari bl-Ingliż, bl-Għarbi u bit-Taljan. Il-Papa jixgħel lampa f'kandilabru kbir. Warajh jagħmlu l-istess ħaġa r-rappreżentanti tad-diversi Reliġjonijiet. Ikun hemm ukoll eżortazzjoni qasira mill-Papa, segwita minn diskors mill-Kardinal Walter Kasper, President tal-Kunsill Pontifiċju għat-Tmexxija 'Il Quddiem ta' l-Għaqda fost l-Insara. Fil-konklużjoni, il-mexxejja tar-Reliġjonijiet jingħaqdu fi bdil ta' sinjal ta' paċi.

15 ta' Jannar 2002

# 1,638 ŻWIEĠ FIL-KNISJA F'MALTA FIS-SENA 2001

In-numru ta' żwiġijiet li ġew reġistrati fl-Arċidjoċesi ta' Malta matul is-sena 2001 kien 1,638. Fl- 2001 kien hemm ukoll 67 koppja li ż-żwieġ tagħhom ġie konvalidat fil-Knisja wara li kienu żżewġu ċivilment.

1,510 żwieġ kienu bejn Kattoliċi Maltin. Kien hemm ukoll 51 żwieġ bejn Kattoliċi Maltin u Kattoliċi barranin; 27 żwieġ bejn Kattoliċi Maltin u Insara mhux Kattoliċi barranin; 15-il żwieġ ta' Maltin ma' barranin li mhumiex Insara; 6 żwiġijiet bejn Maltin li jgħixu f'pajjiżi oħra u żżewġu Malta; 16-il żwieġ bejn Maltin li jgħixu f'pajjiżi oħra u persuni mhux Maltin; u 13-il żwieġ bejn persuni barranin.

Il-persuni barranin li fl-2001 ingħaqdu fi żwieġ fil-Knisja ma' persuni Maltin kienu 109 minn 30 pajjiż differenti. In-numri minn kull pajjiż huma: Renju Unit - 33; Italja - 16; Ġermanja - 8; Olanda - 6, Jugoslavja - 5, Russja u Svizzera - 4, Stati Uniti ta' l-Amerika u Awstralja - 3, Filippini, Franza, Ukrajna, Lebanon, Niġerja - 2; Indja, Portugal, Polonja, Spanja, Kazakstan, Danimarka, Bulgarija, Maldova, Malasja, Ċina, Tunisija, Tajlandja, Iraq, Turkija, Marokk, Albanija u Belġju - 1.

L-iktar xhur li fihom kien hemm żwiġijiet kienu Ġunju (282), Mejju (227) u Settembru (212). Ix-xahar li fih saru l-inqas żwiġijiet kien Jannar (20).

Is-67 żwieġ li ġew konvalidati kienu hekk: 34 wara inqas minn sena; 30 wara 1-5 snin; 2 wara 5-10 snin; 1 wara 20 sena. Żwieġ konvalidat ifisser żwieġ li ma jkunx sar fil-Knisja u li maż-żmien il-koppja titlob li jsir bil-Knisja.

Fis-sena 2001 kien hemm ukoll 38 Malti jew Maltija li żżewġu barra l-Arċidjoċesi ta' Malta: Għawdex (13), Italja (11) Renju Unit (3), Polonja (3), Stati Uniti ta' l-Amerika (2), Germanja (1), Spanja (1), Awstrija (1), Belġju (1), Franza (1) u Svezja (1).

Fl-istess sena kien hemm seba' koppji li kkanċellaw ir-reġistrazzjoni tagħhom biex jiżżewġu.

L-informazzjoni nġabret mill-Uffiċċju Żwiġijiet tal-Kurja ta' l-Arċisqof. Hija ma tinkludix iż-żwiġijiet li saru fid-Djoċesi ta' Għawdex.

16 ta' Jannar 2002

# SAĊERDOTI U RELIĠJUŻI LI MIETU MATUL IS-SENA 2001 (2)

**DUN ANNUNZIO AQUILINA** twieled Ħal Għargħur fis-7 ta' Jannar 1927. Mill-iskola primarja ta' raħlu u mbagħad tan-Naxxar daħal fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, il-Furjana, minn fejn għadda għall-Università ta' Malta. Kiseb il-gradi ta' Baċellerat ta' l-Arti u wkoll id-Dottorat fit-Teoloġija, wara li ddefenda t-teżi dwar *L-Iżvilupp tad-Domma skond it-teologu Melchior Canus.*

Ordna saċerdot fis-sena 1952. Għamel xi snin bħala direttur tal-*Piccolo Clero,* kif ukoll bħala prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Konfraternità tar-Rużarju f'raħal twelidu. Kien jgħin ħafna wkoll fit-tagħlim tad-duttrina lit-tfal. Dam sentejn u nofs jgħallem il-Malti fil-Kulleġġ *Stella Maris* u fis-snin ta' wara fil-*Liċeo,* il-Ħamrun, fl-*Iskola Teknika ta' San Ġużepp* f'Kordin, ir-Raħal Ġdid, u fi skejjel sekondarji oħra ta' l-istat, li fihom għallem il-Latin, l-Ingliż u r-Reliġjon.

Fl-1962 mar joqgħod f'Raħal Ġdid u hawn għamel xi żmien bhala direttur spiritwali tal-Leġjun ta' Marija u ppubblika diversi artikli fil-*Vexillina,* il-perjodiku ta' kull xahrejn, maħruġ mil-Leġjun ta' Marija f'Malta. Għamel ukoll ħidma pastorali fl-Italja u fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Kien iħobb ħafna l-lingwa u l-letteratura Maltija u kien imsieħeb fl-Akkademja tal-Malti. Kiteb ukoll żewġ rumanzi. Miet nhar it-2 ta' Ottubru 2001 fl-età ta' 74 sena.

**P ADRIAN PORTELLI OFMCap** twieled fl-24 ta' Lulju 1931 u ġie mgħammed bl-isem ta' Ġużeppi fil-parroċċa ta' Bormla. Beda n-Novizzjat fil-Kunvent tal-Kappuċċini ta' Għawdex fid-9 ta' Settembru 1949. Għamel il-professjoni temporanja fl-1950 u dik perpetwa fl-1955. Ġie ordnat saċerdot fl-14 ta' Marzu 1959.

Għal disa' snin sħaħ, P. Adrian ħadem bħala missjunarju fl-Indja. Matulhom huwa wettaq appostolat siewi f'diversi stazzjonijiet tad-Djoċesi ta' Jhansi, bħalma huma dawk ta' Babina, fejn kien kappillan militari, Pakdilpur u Manikpur. Hu kien ukoll Viċi-Kappillan tal-Kattidral *St Anthony's* ta' Jhansi.

Meta ġie lura Malta, P. Adrian intefa' b'ġenerożità kbira għal-qadi tal-poplu ta' Alla skond il-ħtiġiet tal-Provinċja Kappuċċina u tad-Djoċesi Maltija. Insibuh Kappillan fl-Isptarijiet St Vincent de Paule, Mount Carmel u fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid. Għal bosta snin, kien direttur spiritwali ta' l-istudenti ta' St. Edward's College, fejn kien ukoll għalliem tar-reliġjon. L-istess ħidma wettaqha wkoll f'St Joseph School, Blata l-Bajda.
Tul l-aħħar 20 sena, P. Adrian aċċetta bil-qalb li jagħti s-sehem tiegħu bħala "supply priest" f'xi parroċċi fl-Ingilterra. Miet fil-Kunvent tal-Kappuċċini tal-Floriana fil-31 ta' Ottubru 2001. Kif talab hu, il-katavru tiegħu ttieħed fil-*Medical Laboratory* ta' l-Università ta' Malta.

**MONS CARMELO BIANCO** twieled fid-29 ta' April 1934. Ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Marzu 1958. Mar ikompli jistudja Ruma, fejn ingħata l-gradi akkademiċi S.Th.D u Ph.L., kif ukoll Diploma fil-Latin mill-Università Gregoriana. Għal ħdax-il sena ta s-servizz tiegħu f'kull waħda mill-parroċċi ta' l-Imqabba u ta' Stella Maris, Sliema. Għal snin twal ta servizz pastorali fiż-żewġ knejjes katidrali u fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor, Sliema. Miet fid-Dar tal-Kleru, Birkirkara, fil-15 ta' Diċembru 2001.



ISBN: 99932-616-7-X

PRODUZZJONI TAL-MEDIA CENTRE